# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI CRUZ VILLALÓN

ippreżentati fl-14 ta' Settembru 2010[1]

## Werrej

I — Introduzzjoni . . . . . I - 4110

II — Il-kuntest ġuridiku . . . . . I - 4111

A — Id-dritt Komunitarju . . . . . I - 4111

1. Id-dritt primarju . . . . . I - 4111

2. Id-dritt sekondarju . . . . . I - 4112

B — Id-dritt nazzjonali . . . . . I - 4113

1. Il-professjoni ta' nutar . . . . . I - 4113

a) Id-dritt Belġjan . . . . . I - 4113

b) Id-dritt Franċiż . . . . . I - 4115

c) Id-dritt Lussemburgiż . . . . . I - 4116

d) Id-dritt Awstrijak . . . . . I - 4117

e) Id-dritt Ġermaniż . . . . . I - 4119

f) Id-dritt Grieg . . . . . I - 4120

g) Sintesi . . . . . I - 4121

1 — Lingwa oriġinali: l-Ispanjol.

2. Id-dispożizzjoni nazzjonali li tifforma speċifikament is-suġġett tar-rikorsi: il-kundizzjonijiet ta' ċittadinanza . . . . . I - 4122

a) Id-dritt Belġjan . . . . . I - 4122

b) Id-dritt Franċiż . . . . . I - 4122

c) Id-dritt Lussemburgiż . . . . . I - 4122

d) Id-dritt Awstrijak . . . . . I - 4122

e) Id-dritt Ġermaniż . . . . . I - 4123

f) Id-dritt Grieg . . . . . I - 4123

III — It-talbiet tal-partijiet . . . . . I - 4123

IV — Dwar l-ammissibbiltà . . . . . I - 4124

V — Fuq il-mertu . . . . . I - 4125

A — Fuq l-ewwel raġuni ta' nuqqas ta' obbligu . . . . . I - 4125

1. Tliet osservazzjonijiet introduttivi ta' natura ġenerali . . . . . I - 4126

a) Ir-regola li dwarha, il-Kummissjoni takkuża lill-Istati Membri li naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom: l-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE . . . . . I - 4126

b) Id-diffikulta ta' interpretazzjoni skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE . . . . . I - 4127

c) L-inkorporazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità . . . . . I - 4128

2. L-attività ta' parteċipazzjoni fl-eżerċizzju tal-awtoritŕ pubblika. . . . . I - 4130

a) Il-leġiżlazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja . . . . . I - 4130

b) Il-ħtieġa ta' approfondiment tal-kunċett ta' awtorità pubblika . . . . . I - 4132

3. Fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-attività tan-nutara u, b'mod iktar speċifiku, l-attività ta' awtentifikazzjoni, taqax taħt il-kamp negattiv ta' applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment . . . . . I - 4136

a) L-awtentifikazzjoni bħala attività ċentrali tan-nutara fl-Istati konvenuti . . . . . I - 4136

b) Ir-rabta tal-attività tal-awtentifikazzjoni mal-eżerċizzju tal-awtoritŕ pubblika . . . . . I - 4138

4. Il-kundizzjoni taċ-ċittadinanza quddiem il-prinċipju ta' proporzjonalità .. I - 4141

a) L-istatus tan-nutara ........ I - 4141

b) Id-diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza fid-dawl tal-Artikolu 43 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE. ........ I - 4142

c) L-evalwazzjoni tal-proporzjonalità ........ I - 4147

5. Konklużjoni dwar l-ewwel motiv ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu. ........ I - 4149

B — Dwar it-tieni motiv ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ........ I - 4150

VI — Spejjeż ........ I - 4151

VII — Konklużjoni ........ I - 4152

## I — Introduzzjoni

1. Permezz tar-rikorsi preżenti għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tikkonstata li r-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Franċiża, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Ellenika, naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom taħt l-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, billi rriżervaw l-aċċess għall-professjoni ta' nutar għaċ-ċittadini tagħhom (iktar 'il quddiem "kundizzjoni ta' ċittadinanza"). Bl-istess mod, ħlief fil-kawża kontra r-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni Ewropea titlob lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tiddikjara li l-Istati Membri inkwistjoni naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom taħt id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali [2] billi naqqsu milli japplikawha għall-professjoni ta' nutar [3].

2. Anki jekk, fir-rikorsi tagħha, il-Kummissjoni tillimita ruħha li tattakka d-diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, il-kwistjoni li fuqha huma bbażati dawn il-kawżi hija sostanzjalment iktar kumplessa. Fil-fatt, dawn ir-rikorsi għandhom l-effett li l-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li funzjoni ta' nutar, kif irregolata bid-dritt ċivili, li l-profil karatteristiku tagħha jinsab f'numru

2 — Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005 (ĠU L 255, p. 22) li tħassar id-Direttiva 89/48/KEE (ĠU L 19, p 16).

3 — Din ma tikkonċernax biss rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ppreżentati mill-Kummissjoni abbażi ta' dan ladarba l-Qorti tal-Ġustizzja għandha wkoll tesprimi ruħha dwar ir-rikorsi ppreżentati fir-rigward tal-Portugall (C-52/08) u l-Pajjiżi l-Baxxi (C-157/09).

sinjifikattiv ta' Stati Membri [4], taqa' taħt il-qafas tal-libertà ta' stabbiliment, ladarba hija ma hijiex marbuta "mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika".

3. Minn angolu ġenerali, il-problema li tqajmet mill-kawżi preżenti jqiegħdu lill-Qorti tal-Ġustizzja quddiem dik li tistà tkun il-kwistjoni ta' interpretazzjoni l-iktar delikata li tista' tirriżulta meta Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE jinqraw flimkien. Kif ser ikolli l-okkażjoni nuri, sa issa, il-kawżi li ġew sottomessi quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja fir-rigward tal-kombinazzjoni taż-żewġ dispożizzjonijiet li kienu jikkonċernaw professjonisti jippreżentaw rabtiet mifruxa jew estremament iżolati mal-awtorità pubblika, li, f'kull każ, ma jistax jiġi sostnut, *prima facie*, dwar l-ipoteżi li qed nanalizzaw illum.

4. B'hekk, is-sitt rikorsi eżaminati b'mod konġunt fil-konklużjonijiet preżenti jagħtu l-possibbiltà lill-Qorti tal-Ġustizzja biex tindirizza iktar fil-fond minn dak li sar sal-lum il-portata ta' regola daqshekk kumplessa bħal dik li tirriżulta mill-qari flimkien tal-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE. F'dan ir-rigward, u b'differenza minn każijiet oħra, hija l-Qorti tal-Ġustizzja, f'dawn il-kawżi, li għandha tfittex il-bilanċ ġust bejn l-għanijiet segwiti mil-libertajiet tad-dritt tal-Unjoni, l-osservanza ta' kompetenzi mogħtija lill-Istati Membri u ċ-ċittadinanza tal-Unjoni. Meta tagħmel bilanċ bejn dawn il-valuri, il-Qorti tal-Ġustizzja ma hijiex se tonqos milli tosserva li l-artikoli ċċitati iktar 'il fuq jirrikjedu sforz partikolari ta' interpretazzjoni li fil-kuntest tagħha l-prinċipju ta' proporzjonalità ser ikollu influwenza deċiżiva.

5. Fid-dawl tal-prinċipji involuti hawnhekk, kif ukoll fid-dawl tal-possibbiltà li jiġi introdott kontroll ta' proporzjonalità fl-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, l-importanza ta' dawn il-kawżi tirriżulta mhux biss b'mod konkret għall-professjoni ta' nutar, iżda f'sens iktar wiesa' għad-dritt tal-Unjoni.

## II — Il-kuntest ġuridiku

### A — *Id-dritt Komunitarju*

#### 1. Id-dritt primarju

6. Ir-regola li l-Kummissjoni tinvoka insostenn tar-rikors tagħha hija dik li tirriżulta

4 — Huwa xieraq li nenfasizza, anki jekk in-notarjat irregolat bid-dritt ċivili, li huwa s-suġġett tar-rikorsi preżenti, jibqa' t-tip l-aktar mifrux fl-Ewropa, li madankollu jeżistu fl-Unjoni Ewropea tipi oħra, li ma jaqgħux taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45. Dan jista' jkun għaliex in-nutar huwa kompletament parti mill-amministrazzjoni pubblika jew għaliex l-intervent tiegħu ma għandux effettività li tikkaratterizza l-verifikazzjoni fis-sens li l-konklużjonijiet preżenti jagħtu lil dan il-kunċett. Finalment, id-diversità tas-sitwazzjoni fl-Ewropa żdiedet f'dawn l-aħħar snin permezz tat-tneħħija tal-kundizzjoni ta' ċittadinanza f'xi Stati li żammew in-notarjat kif irregolat mid-dritt ċivili (l-Italja, Spanja)

minn qari flimkien tal-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE (li saru l-Artikoli 49 u 51 TFUE) li, waqt in-nuqqas ta' twettiq ta'obbligu allegat, kienu jistabbilixxu l-libertà ta' stabbiliment tal-persuni fiżiċi u ġuridiċi skont it-termini li ġejjin:

"*Artikolu 43*

'Fil-qafas tad-dispożizzjonijiet ta' hawn taħt ir-restrizzjonijiet għal-libertà ta' l-istabbiliment ta' ċittadini ta' Stat Membru fit-territorju ta' Stat Membru ieħor, għandhom jiġu projbiti. Tali projbizzjoni għandha testendi ruħha wkoll għal restrizzjonijiet fuq l-istabbiliment ta' aġenziji, fergħat u sussidjarji, minn ċittadini ta' Stat Membru stabbiliti fit-territorju ta' Stat Membru ieħor.'

*Artikolu 45*

Attivitajiet li fi kwalunkwe Stat, jaqgħu, anki inċidentalment, fl-ambitu ta' l-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika, jiġu eżentati mill-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu sa fejn jirrigwarda dak l-Istat.

Il-Kunsill, b'vot tal-maġġoranza kwalifikata fuq proposta tal-Kummissjoni, jista' jeżenta xi attivitajiet mill-applikazzjoni tad-dispożizzjoni ta' dan il-Kapitolu." [5]

2. Id-dritt sekondarju

7. Id-Direttiva tal-Kunsill 89/48/KEE, tal-21 ta' Diċembru 1988, dwar sistema ġenerali għar-rikonoxximent ta' diplomi ta' edukazzjoni ogħla mogħtija mal-kompletar tal-edukazzjoni u t-taħriġ professjonali ta' mill-inqas tliet snin, kienet tipprevedi terminu ta' traspożizzjoni li jiskadi, skont l-Artikolu 12 tagħha, fl-4 ta' Jannar 1991.

8. L-Artikolu 2 tiegħu huwa mitkub kif ġej:

"1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal kull ċittadin ta' Stat Membru li jixtieq iwettaq professjoni regolata fi Stat Membru ospitanti bħala persuna li taħdem għal rasha jew bħala persuna impjegata.

2. Din id-Direttiva m'għandhiex tapplika għal professjonijiet li huma s-suġġett ta' Direttiva separata li tistabbilixxi arranġamenti għar-rikonoxximent reċiproku ta' diplomi mill-Istati Membri."

5 — Kien jidher neċessarju li jiġi enfasizzat li, għalkemm, fir-rikorsi kollha għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligi inkwistjoni, il-partijiet kollha kkonċernati għamlu riferiment, mingħajr ma pprovdew preċiżazzjonijiet, għall-Artikolu 45 KE, din id-dispożizzjoni fir-realtà hija invarjabbilment l-ewwel paragrafu ta' dan l-artikolu msemmi, jiġifieri dak li jiddefinixxi "negattivament" il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà billi jipprovdi li hija ma tapplikax għall-attivitajiet li huma parti mill-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. F'sens kompletament differenti, it-tieni paragrafu jikkunsidra l-każ ġenerali ta' attivitajiet ekonomiċi li, mingħajr ma huma parti mill-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, "jistgħu" jkunu, biex ngħidu hekk, "esklużi" mil-libertà ta' stabbiliment permezz ta' atti ta' leġiżlazzjoni sekondarja. Huwa xieraq li ssir espożizzjoni ulterjuri dwar dan l-aspett.

9. Hemm lok li jiġi nnotat li l-professjoni ta' nutar ma kienet suġġetta għal ebda leġiżlazzjoni ta' tip bħal dik imsemmija fit-tieni paragrafu tal-artikolu ċċitat iktar 'il fuq.

10. Id-Direttiva 89/48 ġiet ikkodifikata u mħassra bid-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali. Id-dispożizzjonijiet il-ġodda huma essenzjalment identiċi għal dawk tad-Direttiva 89/48, iżda l-premessa 41, tidher dispożizzjoni ġdida meta pparagunata mad-Direttiva 89/48, meta tindika b'termini li ma humiex irrilevanti, dan li ġej:

"Din id-Direttiva hija bla ħsara għall-applikazzjoni ta' l-Artikoli 39(4) u 45 tat-Trattat li jikkonċernaw b'mod partikolari in-nutara."

B — *Id-dritt nazzjonali*

1. Il-professjoni ta' nutar

11. Kemm il-Kummissjoni kif ukoll id-diversi Stati Membri ressqu b'mod sostanzjali punti ta' fatt u ta' liġi li jiddeskrivu bi preċiżjoni l-professjoni ta' nutar f'kull pajjiż. Madankollu, fir-rigward tal-ammont ta' informazzjoni mogħtija, għan-natura konġunta tal-konklużjonijiet preżenti u għan-neċessità li jinżammu argumenti ċari għall-fini tal-analiżi tal-mertu, ser nesponi iktar 'il quddiem sunt individwali kemm tar-regoli invokati kif ukoll tal-funzjonijiet attributi f'kull Stat Membru għall-professjoni ta' nutar, fejn fosthom tirriżulta b'mod partikolari l-verifikazzjoni ta' atti ġuridiċi.

a) Id-dritt Belġjan

12. Il-professjoni ta' nutar hija rregolata, fil-Belġju, bil-Liġi tal-25 Ventosa tas-sena XI, kif ukoll minn dispożizzjonijiet differenti, li jinsabu, b'mod partikolari, fil-Kodiċi Ġuridiku Belġjan.

13. Skont l-ordinament ġuridiku Belġjan, il-professjoni ta' nutar tikkonsisti prinċipalment sabiex jistabbilixxi atti awtentiċi li jgawdu minn żewġ karatteristiċi prinċipali: il-forza probatorja perfetta u s-saħħa eżekuttiva [6].

14. Sabiex il-verifikazzjoni titwettaq, in-nutar jaġixxi għat-talba tal-partijiet u jeżerċita kontroll legali fuq l-att li jirċievi. L-intervent tan-nutar jistà jkun obbligatorju jew fakultattiv, skont l-att li huwa msejjaħ jawtentifika; b'dan l-intervent, in-nutar

6 — Artikolu 19 tal-Liġi tal-25 Ventosa tas-sena XI.

jikkonstata l-preżenza tal-kundizzjonijiet kollha li huma imposti legalment għat-twettiq tal-att, kif ukoll il-kapaċità ġuridika u ta' azzjoni tal-partijiet. Waqt l-intervent tiegħu, in-nutar jinforma kull parti dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom u jagħtihom parir b'imparzjalità sħiħa[7]. Bl-istess mod, in-nutar jipproċedi direttament għal-likwidazzjoni u għal irkupru tad-dazji ta' reġistrazzjoni u ta' ipoteka.

15. L-atti notarili kollha għandhom forza probatorja perfetta u ekwivalenti għal dik li jgawdu minnha l-atti adottati minn uffiċjal pubbliku; dawn jistgħu jiġu kkontestati biss quddiem il-qrati. L-evalwazzjoni effettwata minn nutar tistà tkun suġġett għal rikors, fil-kuntest ta' rimedju straordinajru biss[8].

16. Bl-istess mod, l-att awtentiku għandu saħħa eżekuttiva fit-territorju kollu tal-pajjiż[9]. B'hekk, l-att notarili jiġi impost fuq id-debitur sabiex dan isir eżekutorju (bil-kundizzjoni tan-notifikazzjoni tiegħu). Hija awtorità pubblika, l-hussier, li għandha tipproċedi bl-eżekuzzjoni. Jekk id-debitur ikollu l-intenzjoni li jopponi l-eżekuzzjoni, huwa possibli għalih li jindirizza ruħu lill-qrati billi jiftaħ proċedura interlokutorja relatata mal-eżekuzzjoni[10]

17. Minbarra l-funzjonijiet ta' awtentifikazzjoni, il-gvern Belġjan stabilixxa li n-nutara kellhom ukoll attivitajiet oħrajn, anki jekk dawn isiru b'mod inqas frekwenti mill-attività deskritta iktar 'il fuq. B'hekk, in-nutar jissodisfa funzjonijiet fir-rigward tal-bejgħ ta' proprjetà immobbli fil-kuntest ta' proċeduri ta' twettiq ta' eżekuzzjoni, ta' sejħa għal offerti, ta' tutela jew ta' suċċessjoni; b'rabta mal-istabbiliment tal-inventarju, it-tqassim ta' proprjetà indiviżibbli, kif ukoll tal-kostituzzjoni, il-fużjoni u atti oħra li jaffetwaw il-kumpanniji.

18. Għall-fini tat-twettiq ta' dawn il-funzjonijiet, in-nutar huwa uffiċjal pubbliku li jaġixxi bħala rappreżentant tal-awtorità pubblika, anki jekk l-attività hija kkunsidrata bħala magħmula fil-kuntest ta' professjoni liberali[11]. Il-kariga tiegħu ma tistax tinbidel u huwa sottomess għal sistema dixxiplinarja proprja għal dawk li jirrappreżentaw l-awtorità pubblika[12]. Il-miżati tiegħu ma humiex ta' natura kummerċjali u huma ffissati mil-liġi, iżda l-klijent għandu libertà estensiva fl-għażla tan-nutar. B'hekk, il-kompetizzjoni bejn nutari ma tiġix eżerċitata minn politika tariffarja, iżda mill-kwalità tas-servizz.

7 — Artikolu 9(1)(3) tal-Liġi ċċitata iktar 'il fuq tal-25 Ventosa tas-sena XI.

8 — Il-proċedura ta' "att ikkontestat" applikabbli għall-atti notarili hija rregolata, fil-qasam ċivili, mill-Artikolu 895 tal-Kodiċi Ġuridiku Belġjan.

9 — Artikolu 19 tal-Liġi ċċitata iktar 'il fuq tal-25 Ventosa tas-sena XI.

10 — Artikoli 1395 u 1396 tal-Kodiċi Ġuridiku Belġjan.

11 — Artikolu 1 tal-Liġi ċċitata iktar 'il fuq tal-25 Ventosa tas-sena XI.

12 — Artikolu 108 tal-Liġi ċċitata iktar 'il fuq tal-25 Ventosa tas-sena XI.

b) Id-dritt Franċiż

19. Il-professjoni ta' nutar fi Franza hija rregolata bil-Liġi tal-25 Ventosa tas-sena XI u minn dispożizzjonijiet partikolari oħra previsti, b'mod partikolari, fil-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

20. Il-professjoni ta' nutar fi Franza hija kkaratterizzata wkoll minn awtentifikazzjoni ta' atti u kuntratti mressqa mill-partijiet lin-nutar fejn l-intervent tiegħu jagħti lill-att jew lill-kuntratt forza probatorja perfetta u natura eżekuttorja [13].

21. In-nutar Franċiż jintervjeni għat-talba ta' parti anki jekk jeżistu numru ta' atti fejn l-istabbiliment jeżiġi b'mod obbligatorju l-intervent tan-nutar [14]. Sabiex l-att ikun debitament awtentifikat, in-nutar iwettaq kontroll ta' legalità tal-operazzjoni u huwa suġġett għal regoli ta' forma previsti mil-liġi [15] li fosthom hemm l-obbligu li jikteb l-att bil-Franċiż [16]. In-nutar għandu wkoll jfiehem lill-partijiet il-portata u l-effetti ta' dawn l-atti, kif ukoll li jiżgura kunsens liberu ta' dawn tal-aħħar kif ukoll il-kapaċità legali tagħhom u l-kapaċità li jaġixxu.

22. L-att awtentifikat għandu forza probatorja kkwalifikata li ma tistax tiġi kkontestata ħlief permezz ta' proċedura speċifika li toħroġ esklużivament minn tribunal jew qorti ta' grad superjuri [17]. Il-proċedura hija inċidentali jew prinċipali, skont jekk il-kontenut tal-att awtentifikat huwiex ikkontestat jew le waqt proċedura pendenti [18]. Il-proċedura msemmija tistà twassal għal sanzjonijiet kemm għan-nutar kif ukoll għall-parti li użat is-servizzi tiegħu.

23. In-natura eżekuttiva tal-att notarili timplika li kull parti fl-att inkwistjoni tista' titlob l-eżekuzzzjoni forzata tiegħu direttament quddiem l-awtorità pubblika esklużivament kompetenti fil-qasam — l-hussier [19]. B'differenza għal dak li japplika għal kuntratt privat, l-att notarili ma jeħtieġ l-ebda intervent ġudizzjarju għall-eżekuzzjoni tiegħu. Il-kunsens tad-debitur ma huwiex għaldaqstant meħtieġ. Il-proċedura ta'

13 — Artikolu 1 tal-Digriet Nru 45-2590 tat-2 ta' Novembru 1945; Artikolu 1319 tal-Kodiċi Ċivili u Artikolu 19 tal-Liġi tal-25 Ventosa tas-sena XI.

14 — Libertajiet maqsuma, kuntratti ta' żwieġ, kuntratti ta' ipoteki, bejgħ fi stat futur ta' tlestija, fost oħrajn.

15 — Ara l-Liġi tal-25 Ventosa tas-sena XI diġa ċċitata, kif ukoll dispożizzjonijiet partikolari bħal dawk tal-Artikolu 850 tal-Kodiċi Ġenerali tat-Taxxi.

16 — Artikolu 1 tal-Liġi Nru 94-665 tal-4 ta' Awissu 1994, kif ukoll fl-Artikolu CXI. tad-digriet ta' Villers-Cotterêts tas-sena 1539, dejjem fis-seħħ u fl-oriġini tal-obbligu li jintuża l-Franċiż fl-atti uffiċjali kollha.

17 — Kontestazzjoni ta' awtentiċità fir-rigward ta' frodi, Artikolu 299 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

18 — Artikolu 306 u 314 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

19 — Il-monopolju tal-eżekuzzjoni tal-atti u titoli eżekuttivi hu akkordat lill-uffiċjali ġudizzjarji mill-Artikolu 18 tal-liġi Nru 91-650 tad-9 ta' Lulju 1991 li jġib riforma ta' proċeduri ċivili ta' eżekuzzjoni.

eżekuzzjoni hija l-istess bħal dik applikabbli għall-eżekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-qrati [20].

24. Minbarra l-funzjonijiet ta' awtentifikazzjoni, il-Gvern Franċiż stabbilixxa li n-nutari kienu wkoll jassumu attivitajiet oħra, anki jekk inqas frekwenti mill-attività imsemmija iktar 'il fuq. B'hekk, in-nutar jissodisfa funzjonijiet b'rabta mal-ġbir tat-taxxi, iżda separatament mill-awtentifikazzjoni u jissupplementa lil din tal-aħħar filwaqt li jidher il-livell għoli ta' penetrazzjoni f'din il-professjoni mill-awtorità pubblika.

25. In-nutar huwa uffiċjal pubbliku kkunsidrat bħala depożitarju tal-awtorità pubblika, b'delegazzjoni, u suġġett għal sistema partikolari ta' inkompatibbiltajiet, minkejja li jeżerċita l-attivitajiet tiegħu bħala professjonist liberu [21]. Madankollu l-funzjonijiet tiegħu jimplikaw ukoll attivitajiet ta' ġustizzja preventiva li jiggarantixxu l-istabbilità tar-relazzjonijiet legali u soċjali. L-onorarji tan-nutari (miżati) huma stabbiliti mil-liġi, iżda l-klijent jagħmel użu minn libertà estensiva fl-għażla tiegħu ta' nutar. Din hija għaldaqstant attività ekonomika stabbilita f'sistema ta' kompetizzjoni li fiha ma humiex il-prezzijiet, iżda l-kwalità tas-servizz li tikkostitwixxi l-punt determinanti fid-differenza bejn il-persuni li jipprovdu servizz.

c) Id-dritt Lussemburgiż

26. Il-professjoni ta' nutar fil-Lussemburgu hija prevista mil-Liġi tad-9 ta' Diċembru 1976, kif ukoll minn disposizzjonijiet oħra speċifiċi, li fosthom ta' min insemmu l-Kodiċi l-Ġdid ta' Proċedura Ċivili, il-Liġi tal-25 ta' Settembru 1905 u r-Regolament Gran Dukali tas-7 ta' Ottubru 2000.

27. In-notarjat ta' Lussemburgu huwa kkaratterizzat mill-fatt li huwa magħmul minn uffiċjali pubbliċi inkarigati mill-missjoni li jirċievu l-atti u kuntratti kollha li jitressqu lilhom mill-partijiet sabiex tingħatalhom natura awtentika. [22] Mal-awtentifikazzjoni hemm marbuta forza probatorja msaħħa u natura eżekutorja [23].

28. In-nutar jintervjeni fuq talba tal-partijiet. Huwa għandu jipproċedi għal kontroll tal-legalità tal-att u jiżgura l-preżenza ta' diversi formalitajiet stabbiliti mil-liġi. Madankollu, l-intervent tiegħu jistà jkun obbligatorju f'ċerti każijiet [24]. In-nutar għandu jivverifika li l-partijiet jaġixxu liberament u jagħmlu użu minn kapaċità ġuridika sħiħa u ta' azzjoni. Bl-istess mod, huwa marbut li jagħti parir lill-partijiet b'indipendenza sħiħa, kif ukoll li jinfurmhom bid-drittijiet u obbligi li jirriżultaw mill-att u mill-intervent tiegħu.

20 — Liġi Nru 91-650 tad-9 ta' Lulju 1991.

21 — Il-Kunsill tal-Istat ikkonferma n-natura pubblika tal-attività ta' nutar f'sentenza tad-9 ta' Ġunju 2006 (Nru 280911), billi ammetta l-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE għall-professjoni. Madankollu huwa wasal għal konklużjoni mingħajr ma ressaq talba għal deċiżjoni preliminari quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

22 — Artikolu 1 tal-Liġi tad-9 ta' Diċembru 1976.

23 — Artikolu 37 u 45 tal-Liġi ċċitata iktar 'il fuq.

24 — Ara pereżempju, il-Liġi tal-25 ta' Settembru 1905, dwar id-drittijiet *in rem* tal-proprjetà.

29. L-awtentifikazzjoni tirriżulta mill-użu tas-siġill li fuqha imniżżla l-formula eżekuttiva [25]. Konsegwentement, il-forza probatorja tal-att hija partikolarment kbira u ma tistax tiġi kkontestata ħlief f'każijiet eċċezzjonali, permezz ta' rimedju speċifiku ta' deċiżjoni ġudizzjarja [26].

30. Is-saħħa eżekuttiva tal-att notarili tippermetti lill-kreditur biex jibda direttament il-proċedura ta' eżekuzzjoni kontra d-debitur tiegħu, mingħajr ma jkollu jibda proċedura deklarattiva quddiem il-qrati. Il-kreditur għandu biss jindirizza ruħu quddiem l-awtorità inkarigata unikament dwar l-infurzar obbligatorju, jiġifieri l-hussier. Id-deċiżjonijiet tal-hussier waqt il-proċedura ta' eżekuzzjoni jistgħu jkunu suġġetti għal rikors taħt l-istess kundizzjonijiet bħal każ ta' eżekuzzjoni ta' deċiżjoni ġuridika.

31. Minbarra l-funzjonijiet ta' awtentifikazzjoni, il-Gvern tal-Lussemburgu stabbilixxa li n-nutara jeżerċitaw ukoll attivitajiet oħra, anki jekk inqas frekwenti mill-attività deskritta iktar 'il fuq. B'hekk, in-nutar jissodisfa l-funzjonijiet b'rabta mal-bejgħ ta' proprjetà immobbli fil-kuntest ta' proċeduri ta' eżekuzzjoni obbligatorja, ta' sejħa, ta' tutela jew ta' suċċessjoni; b'rabta mal-istabbiliment ta' inventarju u t-twettiq ta' tqassim ta' proprjetà indiviżibbli.

32. In-nutari huma uffiċjali pubbliċi maħtura mill-Gran Duka fuq proposta tal-Ministru tal-Ġustizzja. Huma jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom fit-territorju Lussemburgiż kollu fejn huma obbligati li jirrisjedu. Minkejja li huma jeżerċitaw il-funzjonijiet tagħhom bħala professjoni liberali, huma suġġetti għal statut speċifiku li jinkludi sistema stretta ta' inkompatibbiltà [27]. L-onorarji tan-nutara huma stabbiliti bil-liġi, iżda l-klijenti jagħmlu użu minn libertà estensiva fl-għażla tan-nutar, dejjem jekk numru ta' nutara jiġu maħtura fid-distrett inkwistjoni. Konsegwentement, teżiżti libertà ta' kompetizzjoni bejn nutara, anki jekk din il-kompetizzjoni ma tirrigwardax il-prezz, iżda l-kwalità tas-servizz.

d) Id-dritt Awstrijak

33. L-attività tan-nutara fl-Awstrija tidher irregolata, fil-bażi tagħha, bil-Liġijiet tal-25 ta' Lulju 1871 u tal-11 ta' Novembru 1970, kif ukoll minn artikoli differenti tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

34. In-notarjat Awstrijak huwa fformat minn uffiċjali maħtura mill-Istat li l-funzjonijiet tagħhom jikkonsistu b'mod partikolari mill-awtentifikazzjoni tal-atti li jibbenefikaw għalhekk minn forza probatorja partikolari u minn saħħa eżekuttiva [28].

25 — Regolament Gran Dukali tas-7 ta' Ottubru 2000.

26 — Atti kkontestati Artikoli 310 *et seq* tal-Kodiċi l-Ġdid ta' Proċedura Ċivili.

27 — Artikolu 6 tal-liġi tad-9 ta' Diċembru 1976 iċċitata iktar 'il fuq.

28 — Artikolu 292 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili u Artikolu 3 tal-Liġi tal-25 ta' Lulju 1871, dwar ir-regoli ta' notarjat (RGBI. 75/1871, isegwi ir-"regoli Awstrijaki tan-notarjat").

35. Hekk kif ir-Repubblika Awstrijaka rrikonoxxiet fit-tweġiba tagħha, l-awtentifikazzjoni tikkostitwixxi missjoni tipika u oriġinarja tan-notarjat f'dan il-pajjiż. F'dan ir-rigward, in-nutar iħejji d-dokument fuq it-talba tal-partijiet, minkejja li, f'ċerti każijiet, l-intervent tiegħu huwa obbligatorju sabiex jiġi redatt l-att u li tkun żgurata l-kompletezza tiegħu. In-nutar jipproċedi għal kontroll ta' legalità tal-att suġġett għall-intervent tiegħu, jagħti parir lill-partijiet rigward id-drittijiet u l-obbligi tagħhom kif ukoll dwar l-effetti tal-intervent tiegħu u jistabbilixxi li huma għandhom kapaċità ġuridika u li kapaċi jieħdu azzjoni.

36. Wara li d-dokument jitlesta, in-nutar jistà jiżgura r-rappreżentazzjoni tal-partijiet, u, f'xi każijiet partikolari, jiżgura d-difiża tagħhom quddiem il-qrati u l-amministrazzjonijiet [29]. Huma jeżerċitaw din l-attività b'mod awtonomu u bi qliegħ.

37. L-atti notarili jgawdu minn forza probatorja partikolari li madankollu tista' tkun suxxettibbli għal prova kuntrarja, taħt ċerti kundizzjonijiet ristrettivi [30].

38. L-awtentifikazzjoni għandha bħala effett li tagħti lill-atti notarili, il-karatteristika ta' titoli eżekuttivi li huma suġġetti għal eżekuzzjoni furzata direttament fuq it-talba tal-parti kkonċernata indirizzata lill-korpi pubbliċi kompetenti fil-qasam: il-qrati tad-distrett [31]. La l-kunsuns tad-debitur u lanqas t-teħid ta' deċiżjoni ġudizzjarja deklarattiva ma huma neċessarji. Madankollu, il-proċedura ta' eżekuzzjoni tipprovdi għal mezzi ta' appell minn testi speċifiċi relatati mal-proċedura msemmija [32].

39. Minbarra l-funzjonijiet ta' awtentifikazzjoni, il-Gvern Awstrijak stabbilixxa li n-nutara jeżerċitaw ukoll attivitajiet oħra. Għalhekk, in-nutar jaġixxi bħala Gerichtskommissär, funzjoni attribwita mil-liġi li tippermettilu li jassisti u li jadotta deċiżjonijiet fil-kuntest ta' ċerti proċeduri ġudizzjarji bħal, pereżempju, fil-qasam tas-suċċessjoni. Bħala Gerichtskommissär, in-nutar jeżerċita poteri li jinkludu poteri ta' ordni analogi ma' dawk tal-qrati.

40. In-nutar huwa uffiċjal maħtur permezz ta' deċiżjoni ta' ministru federali tal-Ġustizzja li għandu obbligu li jeżerċita l-funzjonijiet pubbliċi tiegħu. Madankollu, l-attività tiegħu għandha l-istatus ta' professjoni liberali. In-nutara jeżerċitaw il-funzjonijiet b'indipendenza assoluta u huma suġġetti għal statut speċifiku. L-onorarji tagħhom

29 — Artikolu 5 tar-regoli tan-notarjat iċċitat iktar 'il fuq.

30 — Artikolu 292 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

31 — Bħala "*Bewillingungs — bzw.. Exekutionsgericht*" (ġurat tal-eżekuzzjoni) ara l-Artikoli 17 *et seq* tal-liġi tas-27 ta' Mejju 1896 dwar regolament relatat mal-eżekuzzjoni obbligatorja (RGBI. Nru 79/1896, kif isegwi "regolament fuq miżuri ta' eżekuzzjoni")

32 — Artikoli 35 sa 37 tar-regolament dwar il-miżuri ta' eżekuzzjoni.

huma rregolamentati, iżda l-klijenti jagħmlu użu minn libertà estensiva fl-għażla ta' nutar. B'hekk, il-kompetizzjoni bejn in-nutara ma ssirx permezz ta' politika tariffarja, iżda fuq il-kwalità tas-servizz.

e) Id-dritt Ġermaniż

41. L-attività notarili Ġermaniża hija rregolata bil-Liġi tal-24 ta' Frar 1961, kif ukoll minn dispożizzjonijiet differenti tal-kodiċi tal-proċedura ċivili.

42. In-notarjat Ġermaniż huwa fformat minn uffiċjali pubbliċi indipendenti inkarigati prinċipalment mill-awtentifikazzjoni ta' atti legali[33]. L-intervent tan-nutar jagħti lill-att forza eżekuttiva kif ukoll forza probatorja partikolari[34]. Il-funzjoni tan-nutar tagħhmel parti minn dak li għandu jissejjaħ l-"amministrazzjoni preventiva tal-ġustizzja"[35].

43. L-awtentifikazzjoni tikkostitwixxi effettivament l-attività l-iktar sinjifikattiva u karatteristika tal-professjoni ta' nutar. Għal dan il-għan, in-nutar iwettaq kontroll tal-legalità ta' atti privati li l-partijiet jippjanaw li jikkonkludu u jiżgura li dawn tal-aħħar jesprimu l-kunsens tagħhom b'pussess sħiħ tal-kapaċità legali kollha tagħhom u li jieħdu azzjoni[36]. Jekk il-kundizzjonijiet legali huma preżenti, in-nutar għandu jipproċedi għall-awtentifikazzjoni[37]. Matul l-intervent tiegħu, in-nutar jissuġġerixxi u jinforma lill-partijiet dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom kif ukoll dwar l-effetti li jirriżultaw mill-awtentifikazzjoni tal-att[38]. Minkejja li n-nutar jaġixxi skont it-talba tal-partijiet u mhux *ex officio*, id-dritt Ġermaniż jinkludi possibbiltajiet kbar ta' atti li għandhom jitwettqu minn nutar sabiex ikunu *ad validitatem*[39].

44. L-att notarili huwa awtentiku u jibbenefika minn forza probatorja partikolari, anki jekk suxxettibbli ta' prova kuntrarja fil-kundizzjonijiet elenkati mil-liġi[40] u li jiddependu minn elementi kkunsidrati bħala pprovati quddiem nutar, sewwa jekk dawn huma dikjarazzjonijiet ta' terzi, dikjarazzjonijiet tan-nutar innifsu jew avvenimenti ta' natura fattwali.

45. L-atti notarili għandhom saħħa eżekuttiva: huma l-awtoritajiet inkarigati mill-eżekuzzjoni li għandhom jimplementawhom mingħajr ma jfittxu l-kunsens tad-debitur,

33 — Artikoli 1 u 20(1) tal-Liġi federali tal-24 ta' Frar 1961 relatata man-nutara (BGBI. I, p.97, iktar 'il quddiem il-"Liġi Federali dwar in-Nutara").

34 — Artikoli 415, 794(1), punti 5 u 797(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

35 — "Vorsorgende Rechtspflege", skont it-termini użati mill-Artikolu 1 tal-Liġi Federali dwar in-Nutara.

36 — Artikolu 14(2) tal-Liġi Federali dwar in-Nutara, iċċitata iktar 'il fuq.

37 — Artikolu 15(1) tal-Liġi Federali dwar in-Nutara, iċċitata iktar 'il fuq.

38 — Artikolu 14(1), punt 2 tal-Liġi Federali dwar in-Nutara, iċċitata iktar 'il fuq.

39 — Ara, *ex multis*, il-każ tal-weghda ta' donazzjoni (Artikolu 518 tal-BGB), kuntratti ta' żwieġ (Artikolu 1408 BGB) jew ukoll ir-rinunzja għal suċċessjoni (Artikolu 2346 BGB).

40 — Artikolu 415(2) tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

għalkemm dan għandu jiġi nnotifikat. Dan jippreżumi li d-debitur jiġi suġġett għal eżekuzzjoni forzata waqt il-konklużjoni tal-att u l-awtentifikazzjoni tiegħu [41]. L-awtoritajiet previsti mil-liġi biss, li fosthom jidher in-nutar, huma kompetenti fil-qasam ta' eżekuzzjoni forzata [42]. Rikors ġuridiku jistà jiġi ppreżentat kontra d-deċiżjonijiet adottati fil-kuntest tal-proċedura ta' eżekuzzjoni forzata li jippreżentaw rabta mal-kontenut tal-att notarili [43].

46. Minbarra l-funzjonijiet ta' awtentifikazzjoni, il-Gvern Ġermaniż stabbilixxa li n-nutari jeżerċitaw ukoll attivitajiet oħra, anki jekk inqas frekwenti mill-attività msemmija iktar 'il fuq. B'hekk, in-nutar jeżerċita funzjonijiet li huma marbutin mal-leġiżlazzjoni ta' dokumenti, l-għoti ta' poteri u l-attestazzjoni ta' dikjarazzjonijiet taħt ġurament.

47. In-nutar Ġermaniż huwa uffiċjali pubbliku maħtur mil-Land li jeżerċita l-funzjonijiet tiegħu għan-nom tal-Istat [44]. Anki jekk l-attività ma hijiex ta' natura kummerċjali, in-nutar jaġixxi bħala membru ta' professjoni liberali, bl-eċċezzjoni tal-każ tal-Land ta' Baden-Württenberg [45]. Fuq il-bqija tat-territorju, u skont il-Länder, in-nutar jeżerċita l-professjoni tiegħu esklużivament jew konġuntament mal-professjoni ta' avukat. Dawn huma suġġetti għal statut speċjali li jiggarantixxi l-indipendenza tagħhom, filwaqt li l-onorarji tagħhom huma suġġetti għal tariffa legali [46]. Madankollu, il-klijenti għandhom libertà estensiva fl-għażla ta' nutar fil-kuntest territorjali stabbilit [47]. Għalhekk, in-nutara stabbiliti fit-territorju inkwistjoni jidħlu f'kompetizzjoni, mhux fuq il-bażi ta' politika tariffarja, iżda abbażi tal-kwalità tas-servizz.

f) Id-dritt Grieg

48. L-attività notarili fil-Greċja hija rregolata, essenzjalment, mil-liġi Nru 2830/2000.

49. In-nutar Grieg huwa uffiċjal pubbliku inkarigat, prinċipalment, mill-awtentifikazzjoni tal-atti, u jagħtihom forza probatorja u natura eżekuttiva [48].

41 — Artikolu 794(1), punt 5 tal-Kodiċi ta' Proċedura Ċivili.

42 — Jeżistu numru ta' awtoritajiet kompetenti, fejn fosthom insibu uffiċjali ġudizzjarji (Gerichtsvollzieher), it-tribunali tal-eżekuzzjoni (Vollstreckungsgericht), it-tribunali li quddiemhom titressaq kawża (Prozessgericht) u l-uffiċji ta' reġistru tal-artijiet (Grundbuchamt).

43 — Artikolu 732 u 797(3) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili.

44 — Artikolu 1 tal-Liġi Federali dwar in-Nutara, iċċitata iktar 'il fuq.

45 — F'parti minn dan il-Land, in-nutar huwa uffijċali integrat mal-amministrazzjoni pubblika.

46 — Artikolu 17 tal-Liġi Federali dwar in-Nutara, iċċitata iktar 'il fuq.

47 — Artikolu 10a u 11 tal-Liġi Federali relatata dwar in-Nutara, iċċitata iktar 'il fuq.

48 — Artikolu 1(1) tal-Liġi Nru 2830/2000.

50. In-nutar huwa inkarigat mill-awtentifikazzjoni tal-atti li jitressqu liberament lilu mill-partijiet, minkejja li l-intervent tan-nutar jista' jkun obbligatorju f'ċerti każijiet[49]. In-nutar jinforma u jagħti parir lill-partijiet dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom u jipprovdi s-servizzi tiegħu b'indipendenza assoluta.

51. L-atti notarili jgawdu minn forza probatorja li hija effettiva *ergo omnes*[50]. Il-kontenut tal-att jistà jkun ikkontestat biss għal raġunijiet eċċezzjonali.

52. Minħabba n-natura eżekuttiva tal-att notarili, l-eżekuzzjoni forzata tista' tintalab direttament mingħand l-awtorità kompetenti, inkarigata minn dan. Għalhekk, huwa possibli li jiġi ppreżentat appell, anki jekk b'mod inċidentali, kontra l-atti ta' eżekuzzjoni forzata u fiċ-ċirkustanzi elenkati mil-liġi[51].

53. Minbarra l-funzjonijiet ta' awtentifikazzjoni, il-Gvern Grieg stabilixxa li n-nutara wkoll jassumu attivitajiet oħra, anki jekk inqas frekwenti mill-attivitajiet deskritti iktar 'il fuq. B'hekk, in-nutar jeżerċita funzjonijiet marbuta, fost oħrajn, mal-bejgħ ta' proprjetà immobbli fil-kuntest ta' proċeduri ta' eżekuzzjoni forzata, ta' għoti, ta' tutela jew ta' suċċessjoni; b'rabta mal-istabbiliment tal-inventarju u t-twettiq tat-tqassam ta' proprjetà indiviżibbli.

54. In-nutar huwa uffiċjal pubbliku li joffri s-servizzi tiegħu indipendentement u jieħu l-onorarji tiegħu direttament mingħand il-klijent. Minkejja li r-remunerazzjoni tas-servizzi tiegħu hija suġġetta għal tariffa legali, il-klijent għandu madankollu ċerta libertà fl-għażla tiegħu ta' nutar.

55. B'hekk, in-nutara jidħlu f'kompetizzjoni, mhux fuq il-bażi ta' politika tariffarja, iżda skont il-kwalità tas-servizz.

g) Sintesi

56. Bħala konklużjoni tal-punti kollha li ssemmew iktar 'il fuq, jidher leġittimu li jingħad li s-sitt Stati Membri konvenuti stabbilixxew u żviluppaw istituzzjoni notarili komuni, b'mod partikolari f'dak li għandu x'jaqsam mal-awtentifikazzjoni u l-effetti aħħarin tagħha: il-forza probatorja u n-natura eżekuttiva. Fl-Istati Membri konvenuti kollha kienet tidher b'mod ċar l-eżistenza ta' status ta' nutara speċifiku u ibridu, f'nofs triq bejn dak tal-funzjoni pubblika u dak tal-professjonijiet liberali, li joħloq drittijiet u obbligi li jagħmlu min-notarjat uffiċċju li jeżerċita attività ekonomika *sui generis*. Huwa dan il-grad ta' koinċidenza fundamentali li jippermetti li tingħata tweġiba argumentattiva unika lir-rikorsi preżenti għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

49 — Pereżempju fil-każ tal-kostituzzjoni ta' kumpanniji, ta' donazzjonijiet *intervivos* u trasferimenti ta' proprjetà immobbli.

50 — Artikoli 438 tal-Liġi Nru 2830/2000, iċċitata iktar 'il fuq.

51 — Artikolu 933 *et seq* tal-Liġi Nru 2830/2000, iċċitata iktar 'il fuq.

2. Id-dispożizzjoni nazzjonali li tifforma speċifikament is-suġġett tar-rikorsi: il-kundizzjonijiet ta' ċittadinanza

57. Wara li ġie espost f'linji wiesgħin il-kuntest ġuridiku li jirregola l-professjoni ta' nutar, huwa xieraq li issa nesponu d-dispożizzjonijiet ikkontestati mill-Kummissjoni fil-kawżi preżenti u li għandhom bħala għan li jillimitaw l-aċċess għan-notarjat liċ-ċittadini tal-Istat inkwistjoni.

a) Id-dritt Belġjan

58. L-Artikolu 35(3) tal-Liġi tal-25 Ventosa tas-sena XI, emendata bil-Liġi tal-4 ta' Mejju 1999, jissuġġetta l-aċċess għall-professjoni ta' nutar fil-Belġju għal kundizzjoni ta' ċittadinanza. Dan l-artikolu huwa miktub kif ġej:

"Sabiex tkun tista' tiġi maħtura bħala kandidat-nutar, il-persuna inkwistjoni għandha 1. tkun Belġjana [...]."

b) Id-dritt Franċiż

59. L-Artikolu 3 tad-Digriet Nru 73-609 tal-5 ta' Lulju 1973, hekk kif emendat bid-Digriet Nru 89-399, tal-20 ta' Ġunju 1989, jissuġġetta l-aċċess għall-professjoni notarili fi Franza għal kundizzjoni ta' ċittadinanza. Dan huwa miktub kif ġej:

"Ħadd ma jista jkun nutar jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin ma jkunux sodisfatti : 1. ikun Franċiż [...]."

c) Id-dritt Lussemburgiż

60. L-Artikolu 15 tal-Liġi tad-9 ta' Diċembru 1976 dwar l-organizzazzjoni notarili jipprevedi kundizzjoni ta' ċittadinanza sabiex ikun hemm aċċess għall-professjoni ta' nutar ġol-Lussemburgu. Dan huwa miktub kif ġej:

"Sabiex persuna tkun ammessa għall-funzjonijiet ta' nutar, hemm bżomm : a) tkun Lussemburgiża [...]"

d) Id-dritt Awstrijak

61. L-Artikolu 6(1)(a), tar-regolament tan-notarjat, RGBl Nru 75/1871, hekk kif emendat bil-liġi ppubblikata fil-BGBl Nru 164/2005, jipprevedi kundizzjoni ta' ċittadinanza sabiex ikun hemm aċċess għall-professjoni ta' nutar fl-Awstrija. Il-formulazzjoni tiegħu hija kif ġej :

"Sabiex jeżerċita kariga ta' nutar, il-kandidat għandu a) ikun ta' ċittadinanza Awtrijaka, [...]"

e) Id-dritt Ġermaniż

62. L-Artikolu 5 tal-Liġi Federali dwar in-Nutara, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta mill-Artikolu 3 tal-Liġi tas-26 ta' Marzu 2007, jissuġġetta l-aċċess għall-professjoni ta' nutar fil-Ġermanja għal kundizzjoni ta' ċittadinanza. Skont dan l-Artikolu :

"[il-]kariga ta' nutar tista' tiġi eżerċitata biss miċ-ċittadini ta' ċittadinanza Ġermaniża, li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' aċċess għall-maġistratura skont il-liġi federali dwar l-istatus tal-maġistrati"

f) Id-dritt Grieg

63. L-Artikolu 19(1) tal-Liġi Nru 2830/2000 iċċitata iktar 'il fuq, jissuġġetta l-aċċess għall-professjoni ta' nutar fil-Greċja għal kundizzjoni ta' ċittadinanza fit-termini li ġejjin:

"Huwa maħtur nutar kull min huwa ta' ċittadinanza Griega [...]"

**III — It-talbiet tal-partijiet**

64. Fil-kawżi magħquda għall-finijiet tal-konklużjonijiet preżenti, il-Kummissjoni, sostnuta mir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, talbet lill-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

— tiddikjara li, billi limitaw l-aċċess għall-professjoni ta' nutar għall-persuni li għandhom ċittadinanza tal-pajjiż biss, ir-Renju tal-Belġu, ir-Repubblika Franċiża, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Ellenika naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom taħt l-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE;

— tiddikjara li, billi ma applikawx għall-professjoni ta' nutar, id-Direttiva 2005/36 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Settembru 2005, dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali, ir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Franċiża, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika Awstrijaka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Ellenika naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom taħt l-imsemmija direttiva;

— tikkundana lir-Renju tal-Belġju, ir-Repubblika Franċiża, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika Awstrijaka, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Ellenika għall-ispejjeż.

65. Minn naħa tagħhom, l-Istati Membri konvenuti, sostnuti min-naħa tagħhom mir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Ungerija u r-Repubblika tal-Latvia, talbu li l-Qorti tal-Ġustizzja jogħġobha:

tiċħad ir-rikors bħala infondat fl-assenza ta' kull nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fir-rigward tal-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE; tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż;

minbarra dan, u bħala kwistjoni preliminari, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja tqajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà billi ssostni li l-Kummissjoni kienet invokat id-Direttiva 89/48/KEE, matul il-fażi prekontenzjuża tal-proċedura, filwaqt li fl-appell tagħha, hija ssostni dwar in-nuqqas ta' twettiq ta' obbligu taħt id-Direttiva 2005/36, li segwiet lid-Direttiva 89/48.

## IV — Dwar l-ammissibbiltà

66. Fil-Kawża C-51/08, dwar ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja bħala parti konvenuta, din, sostnuta mis-Slovenja u l-Latvja, tqajjem eċċezzjoni ta' inammissibbiltà minħabba regoli invokati mill-Kummissjoni. Fl-opinjoni tagħha, il-Kummissjoni akkużatha li kisret id-Direttiva 89/48 matul il-fażi prekontenzjuża tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq obbligu, filwaqt li kienet akkużatha, fl-istadju kontenzjuż, li kisret id-Direttiva 2005/36 — test li jissostitwixxi dak ta' qablu.

67. Din l-eċċezzjoni ma setgħetx tintlaqa'.

68. Skont leġiżlazzjoni stabbilita, ir-regolarità tal-proċedura kontenzjuża tikkostitwixxi garanzija essenzjali mixtieqa mit-Trattat, mhux biss għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-Istat Membru inkwistjoni, iżda wkoll sabiex ikun żgurat li l-proċedura kontenzjuża possibbli jkollha bħala suġġett kawża ddefinita b'mod ċar. Huwa biss permezz ta' proċedura kontenzjuża regolari li l-proċedura kontradittorja quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tippermetti lil din tal-aħħar li tiddeċiedi jekk l-Istat Membru effettivament naqasx mill-obbligi speċifiċi tiegħu, li l-ksur tagħhom huwa allegat mill-Kummissjoni [52].

69. Hekk kif il-Qorti tal-Ġustizzja indikat b'mod ripetittiv, "jekk il-konklużjonijiet inklużi fis-seduta ma jkunux, fil-prinċipju, japplikaw għal nuqqasijiet ta' obbligi allegati fid-dispożittiv tal-opinjoni motivata u fl-ittra ta' intimazzjoni, xorta jibqa' l-fatt li,

52 — Digriet tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 1995, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-266/94, Ġabra p. I-1975, punti 17 u 18).

meta tibdil fid-dritt Komunitarju jseħħ waqt il-proċedura kontenjuża, il-Kummissjoni tista' tikkonstata nuqqas ta' obbligi li jirriżultaw mill-verżjoni inizjali ta' direttiva, sussegwentement emendata jew imħassra, li ġew miżmuma permezz ta' dispożizzjonijiet ġodda" [53].

70. Issa, hekk kif sostniet il-Kummissjoni, minn paragun tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni jirriżulta li d-Direttiva 2005/36 kull ma għamlet kien li ssaħħaħ u tikkodifika d-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 89/48/KEE. Konsegwentement, il-maġġoranza tal-obbligi li għandhom l-Istati Membri lejn id-Direttiva 89/48/KEE jibqgħu applikabbli skont id-Direttiva 2005/36.

71. Minn dan isegwi li r-rikors għandu jiġi ddikjarat ammissibbli, mingħajr ma tintlaqa' l-eċċezzjoni ta' inammissibbiltà mqajma mill-Ġermanja, peress li hija tirreferi għall-obbligi li jirriżultaw mid-Direttiva 2005/36, li kienu diġà applikabbli skont id-Direttiva mħassra.

53 — Ara, *ex multis*, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-9 ta' Novembru 1999, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-365/97, Ġabra p. I-7773, punt 36), u tal-5 ta' Ġunju 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-145/01, Ġabra p. I-5581, punt 17).

## V — Fuq il-mertu

### A — *Fuq l-ewwel raġuni ta' nuqqas ta' obbligu*

72. Permezz tal-ewwel motiv ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, il-Kummissjoni tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li l-Istati Membri konvenuti, filwaqt li jirriżervaw l-aċċess għall-professjoni ta' nutar unikament u esklużivament għaċ-ċittadini proprji tagħhom, kisru l-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE.

73. L-Istati Membri kkonċernati jopponu analiżi differenti mir-regola li tirriżulta miż-żewġ artikoli billi jibbażaw, essenzjalment, fuq id-determinazzjoni tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din ir-regola espressa b'mod negattiv fit-tieni miż-żewġ artikoli inkwistjoni, jiġifieri dwar interpretazzjoni differenti tal-espressjoni "[a]ttivitajiet li [...] jaqgħu, anke inċidentalment, fl-ambitu ta' l-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika"

74. Fil-fatt, billi naqset id-dibattitu għat-termini essenzjali tiegħu, għalkemm, għall-Kummissjoni, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE jagħmel riferiment essenzjalment għar-regola limitata għall-kunċett ta' "vinkolanti", l-Istati Membri jiddefendu interpretazzjoni ħafna iktar wiesgħa billi jikkunsidraw li din id-dispożizzjoni tinkludi kull tip ta' deċiżjoni li magħha huma marbutin effetti partikolari u differenti minn dawk prodotti permezz ta' att ta' natura privata.

1. Tliet osservazzjonijiet introduttivi ta' natura ġenerali

75. Tliet kunsiderazzjonijiet ta' natura ġenerali jiġu imposti qabel kollox: waħda relatata mal-istruttura tar-regola li tirriżulta minn qari flimkien tal-Artikoli 43 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE; l-oħra relatata mat-tifsira jew, jekk wieħed jippreferi, mal-istruttura tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, u t-tielet waħda dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità.

a) Ir-regola li dwarha, il-Kummissjoni takkuża lill-Istati Membri li naqsu milli jwettqu l-obbligi tagħhom: l-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE

76. Hekk kif ġie espost, il-Kummissjoni takkuża ksur tat-total normattiv li jirriżulta mill-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, li minnu l-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment jista' jiġi dedott. Il-partikolarità ta' dan il-ksur li jirriżulta mill-qari flimkien taż-żewġ dispożizzjonijiet iċċitati tat-Trattat, jistħoqlu l-ewwel kumment min-naħa tiegħi.

77. Fil-fatt, l-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE jiffurmaw verament unità normattiva ta' regola (libertà ta' stabbiliment) u ta' eċċezzjoni (attivitajiet parteċipanti għall-eżerċizzju tal-awtorità pubblika) li jiddefinixxu b'dan il-mod il-kamp ta' applikazzjoni tagħha. Hija mill-għaqda taż-żewġ disposizzjonijiet li toħroġ ir-regola determinanti għall-fini tas-soluzzjoni tal-kawżi preżenti. B'hekk ma hijiex regola (dik tal-Artikolu 43 KE) li minnha saret sempliċement *deroga* (fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE) fil-kuntest tal-applikazzjoni tagħha, iżda hija regola differenti: dik li tiddetermina l-kamp ta' applikazzjoni ta' stabbiliment għall-eżerċizzju ta' attivitajiet li *ma jipparteċipawx* fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Hekk huwa l-kamp ta' applikazzjoni ta' libertà konkret li jiggarantixxi t-Trattat u huwa b'dan il-mod li għandha ssir analiżi tal-approċċ segwit mill-Kummissjoni meta hija ssostni ksur tal-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE.

78. Dan jikkostitwixxi, barra minn hekk, id-differenza determinanti li tiddistingwi, minn perspettiva funzjonali, iż-żewġ paragrafi li jiffurmaw l-Artikolu 45 KE. L-ewwel wieħed, kif rajna, jiddetermina direttament u b'mod eżawrjenti (*perfettament*), anki jekk b'mod negattiv, il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà billi jiddikjara qabel kollox esklużi minn dan ("huma aċċettati") l-attivitajiet parteċipi għall-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Bil-kontra, it-tieni paragrafu jillimita ruħu li jippermetti l-introduzzjoni f'dritt sekondarju ta' restrizzjonijiet supplementari fil-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà stabbilita mit-Trattat, hekk kif jirriżulta minn qari flimkien tal-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE. Ir-rikorsi preżenti għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu bl-ebda mod ma kienu dwar din il-possibbiltà ġenerali ta' deroga preċiża fil-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà msemmija, iktar u iktar li ma sarx użu minnha sa issa. Id-differenza wiesgħa tagħha mid-dispożizzjoni tal-ewwel paragrafu

tippermetti madankollu li tinftiehem u tkun spjegata l-funzjoni u l-portata ta' din tal-aħħar.

79. B'hekk għandna ninsistu fuq il-fatt li l-Artikolu 43 KE ma jistabbilixxix libertà, f'dan il-każ ta' stabbiliment, li għaliha *sussegwentement* hemm deroga fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE. Biex jerġa' jingħad fi kliem ieħor, din ma hijiex eċċezzjoni għall-applikazzjoni ta' regola, iżda eċċezzjoni kostituttiva tar-regola li tiddetermina fit-Trattat il-kamp ta' applikazzjoni tal-libertà. L-Istati Membri huma b'hekk mistennija li jagħtu effett għal-libertà ta' stabbiliment f'dak li jikkonċerna l-attivitajiet ekonomiċi li ma jipparteċipawx, lanqas okkażjonalment, fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Jiena ser nindika iktar 'il quddiem id-determinazzjoni tal-portata tal-Artikolu 43 KE li tirriżulta mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE permezz tal-espressjoni "kamp negattiv ta' applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment".

b) Id-diffikulta ta' interpretazzjoni skont l-ewwel paragrafu talArtikolu 45 KE

80. It-tieni osservazzjoni introduttiva ta' natura ġenerali diġà tirrigwarda l-mertu. Fil-fatt, jidher mal-ewwel ċar li d-dispożizzjoni prevista mill-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE dwar l-"attivitajiet" ekonomiċi li "jaqgħu. [...] fl-ambitu ta' l-eżerċizzju ta' l-awtorità pubblika" tirreferi għal *korp barrani* fil-fenomenoloġija tal-awtorità pubblika moderna. Is-separazzjoni tal-isferi pubbliċi u privati jew, fi kliem ieħor, tal-Istat u tas-soċjeta, li tikkaratterizza lid-dinja politika moderna, għandha bħala korollarju li, fi prinċipju, ma għadhiex teżiżti, fil-preżent, attività parteċipa għall-eżerċizzju tal-awtorità pubblika minbarra t-tliet poteri li madwarhom huwa ammess li l-awtorità pubblika tiġi artikolata. Attività ekonomika privatizzata (jew mhux nazzjonalizzata) li tipparteċipa madankollu fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika tikkostitwixxi b'hekk element relattivament *mhux mistenni* fl-istruttura tat-Trattat. Huwa għaldaqstant li l-Artikolu 51 TFUE, ex Artikolu 45 KE, baqa' miktub bl-istess mod sa mill-ewwel verżjoni tat-Trattat KEE fl-1957. Barra minn hekk, l-Artikoli 23 u 27 tal-Ftehim tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles jinkludu wkoll dispożizzjoni analoga.

81. Jidher naturali li jiġi preżuppost li l-preżenza kostanti ta' din id-dispożizzjoni matul l-evoluzzjoni tad-dritt primarju għandha twieġeb għal għan speċifiku u tikkostitwixxi l-espressjoni ta' idea li hija l-bażi [54]. L-unika spjegazzjoni loġika hija li

54 — Ara C. Tomuschat, "Der Vorbehalt der Ausübung öffentlicher Gewalt in den Berufsfreiheitsregelungen des EWG-Vertrages und die freie Advokatur im Gemeinsamen Markt", in Zeitschrift für ausländisches öffentliches Recht und Völkerrecht, 27 (1967), p. 53 *et seq*,

l-Istati Membri, fil-kwalita tagħhom bħala awturi tat-Trattat, u forsi billi bbażaw fuq il-propja kultura u tradizzjoni ġuridika tagħhom, ikkunsidraw il-fatt li, mill-inqas għal numru sinjifikattiv fosthom, is-sistemi legali rispettivi tagħhom kienu jinkludu ċertu ammont ta' attivitajiet parteċipi għall-eżerċizzi tal-awtorità pubblika li ma kinux madankollu eżerċitati mill-awtoritajiet pubbliċi, iżda li, kuntrarjament, ħadu l-forma ta' attivitajiet ekonomiċi jew ta' attivitajiet fdati lil operaturi ekonomiċi. Approċċ li jwassal għall-konklużjoni li *ma tiġini f'moħħi* l-ebda attività fost dawk eżistenti li tirriżulta minn din il-kategorija li tqajjem xi dubji dwar il-fondatezza tal-interpretazzjoni segwita. ta' attivitajiet ekonomiċi. Madankollu, jekk l-Istati jagħżlu li jżommuhom, it-Trattat jeskludihom direttament mill-kamp tal-libertà ta' stabbiliment. Wieħed jista' wkoll jirriskja li jipparaguna din id-dispożizzjoni ma' klawżola fakultattiva ta' *stand still.*

c) L-inkorporazzjoni tal-prinċipju ta' proporzjonalità

82. Ħaġa oħra hija jekk l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE jistax jiġi interpretat bħala li jawtorizza lill-Istati sabiex joperaw b'mod indefinit jew ġenerali privatizzazzjoni tal-awtorità pubblika (forma partikolari ta' *devoluzzjoni*) li tagħtiha s-sens ta' "attività ekonomika". Ma jidhirlix li dan huwa l-każ. Għall-kuntrarju, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 ma huwiex ikkunsidrat bħala regola ta' futur u bħala regola *li ntirtet mill-passat.* L-analiżi, bla dubju, l-iktar ġusta tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE tikkonsisti probabbilment sabiex tafferma li t-Trattat xtaq jagħmel eċċezzjoni mill-kamp tal-libertà ta' stabbiliment għal kull attività ekonomika li, eċċezzjonalment, tkompli jkollha bħala għan tip ta' relazzjoni mal-awtorità politika Statali. Evidentement, it-Trattat iħalli kompletament lill-Istati l-libertà sabiex iżżommu jew itemmu dawn it-tipi

83. Matul il-proċedura, l-Istat Membri sostnew li l-applikazzjoni tal-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE ma kienet tindika l-ebda kontroll ta' proporzjonalità. Billi sostnew dan, l-Istati Membri konvenuti u l-Istati Membri intervenjenti għas-sostenn tagħhom isostnu li, meta l-kundizzjonijiet tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE huma sodisfatti, ma hemmx argument li permezz tiegħu tiġi applikata d-dispożizzjoni b'mod gradwali. Issa, il-prinċipju ta' proporzjonalità għandu preċiżament bħala funzjoni li jiżgura tali differenzazzjoni fl-applikazzjoni ta' eċċezzjoni għal-libertajiet fundamentali, peress li jikkostitwixxi l-instrument li jrid jintuża sabiex jiddetermina sa liema punt restrizzjoni għal libertà hija neċessarja sabiex jintlaħqu għanijiet leġittimi ta' ordni pubbliku,

ta' sigurtà pubblika u ta' saħħa pubblika.[55] L-Istati Membri konvenuti fil-kawżi preżenti jaqblu sabiex isostnu li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE ma jippermettix li jkun eżerċitat kontroll fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, iżda jikkostitwixxi, biex ngħidu hekk, dispożizzjoni binarja: kemm jekk hija applikabbli, kemm jekk ma hijiex, iżda ma tagħti ebda marġini ta' diskrezzjoni.

84. Effettivament, kull darba li l-Qorti tal-Ġustizzja ġiet ikkonfrontata b'talba għal interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, l-analiżi ġiet limitata għall-verifika jekk l-attività inkwistjoni kinitx tikkostitwixxi parteċipazzjoni diretta u speċifika għall-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Hekk kif jidher hawn taħt, huwa importanti li jkun enfasizzat li, sa issa, il-Qorti tal-Ġustizzja qatt ma marret lil hinn mill-ewwel fażi fl-analiżi li teħtieġ l-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, peress li hija setgħet dejjem tillimita ruħha li tiddikjara, dwar il-bażi ta' analiżi fil-qosor tal-kunċett inkwistjoni, li l-attività inkwistjoni ma kinitx parti milll-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Fi kliem ieħor, kien possibbli li jkunu deċiżi l-każijiet li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja kienet waslet biex tesprimi ruħha dwar l-interpretazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE mingħajr ma tidħol fid-dettall sew dwar il-kostruzzjoni kunċettwali tal-kategorija "awtorità pubblika"[56]. Bil-kontra, quddiem l-ipoteżi ta' tweġiba pożittiva, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tapprofondixxi l-analiżi tagħha. F'tali ipoteżi, l-interpretazzjoni tikkonsisti li jiġi stabbilit, fir-rigward tal-grad ta' partiċipazzjoni tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika murija permezz tal-attività, jekk il-miżura nazzjonali inkwistjoni hijiex neċessarja sabiex jintlaħqu l-għanijiet tal-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE.

85. Għalhekk huwa xieraq li jkun konkluż li l-Artikoli 43 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE jilqgħu kontroll ta' proporzjonalità.

86. Fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet iċċitati, il-kontroll ta' proporzjonalità jimplika, skont il-każ, eżami analogu għal dak magħmul mill-Qorti tal-Ġustizzja fil-ġurisprudenza tagħha[57], li jikkunsidra (1) l-impatt tal-miżura adottata, u min-naħa l-oħra, il-grad ta' parteċipazzjoni tal-attività inkwistjoni fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Iktar mal-parteċipazzjoni tkun diretta jew immedjata, iktar il-firxa ta' miżuri koperti mill-ewwel paragrafu talArtikolu 45 KE tkun kbira. Inqas mal-parteċipazzjoni tkun diretta, inqas il-miżuri jkunu ġġustifikati fir-rigward ta' dan l-artikolu, kemm mill-perspettiva tal-kwantità kif ukoll mill-impatt tagħhom.

55 — Artikolu 46(1) KE. Dan il-prinċipju ġie interpretat mill-Qorti tal-Ġustizzja billi saret applikazzjoni każ ma' każ ta' kontroll ta' proporzjonalità, hekk kif jirriżulta minn ġurisprudenza estensiva. Ara, fost il-kawżi l-iktar reċenti, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-12 ta' Settembru 2006, Cadbury Schweppes u Cadbury Schweppes Overseas (C-196/04, Ġabra p. I-7995, punti 61 *et seq*), u tat-3 ta' Ottubru 2006, Fidium Finanz (C-452/04, Ġabra p. I-9521, punt 46). Dwar il-prinċipju u l-irwol tiegħu fil-kuntest tal-libertajiet fundamentali, ara T. Tridimas, *General Principles of EU Law*, it-tieni edizzjoni, Oxford University Press, 2006, p. 193 *et seq*; D.U. Galetta, *Principio di proporzionalità e sindacato giurisdizionale nel diritto amministrativo*, Giuffrè Editore, Milano, 1998, p. 103 *et seq*.

56 — Ara, fost ħafna oħrajn, M. Henssler u M. Filian, "Die Ausübung hoheitlicher Gewalt im Sinne des Art. 45 EG", Europarecht 2005, p. 192 *et seq*.

57 — Ara sentenzi ċċitati iktar 'il fuq fin-nota ta' qiegħ il-paġna 55.

2. L-attività ta' parteċipazzjoni fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika.

a) Il-leġiżlazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja

87. L-ewwel element li jirriżulta minn eżami tal-istat attwali tal-ġurisprudenza dwar l-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE huwa l-mod kostanti li bih il-Qorti tal-Ġustizzja insistiet fuq in-neċessità li tagħti interpretazzjoni stretta. Mill-1974, fil-kawża Reyners [58], deher li l-ġurisprudenza kienet se tirrestrinġi d-dispożizzjoni għal qasam limitat ħafna, mingħajr dubju minħabba l-funzjoni ta' delimitazzjoni, u mhux ta' ġustifikazzjoni, tar-regola. Dan l-approċċ huwa attestat mill-fatt li, wara iktar minn nofs seklu ta' ġurisprudenza u ta' ħmistax-il sentenza mogħtija, il-Qorti tal-Ġustizzja għadha qatt ma ddikjarat li attività partikolari taqa' taħt l-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE.

88. It-tieni nett, il-ġurisprudenza speċifikat li t-terminu "attività" ma kienx sinonimu ma' "professjoni". Konsegwentament, il-fatt li attività tikkostitwixxi partiċipazzjoni fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, waħdu ma jimplikax li l-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE jistgħu japplikaw għall-attivitajiet l-oħra kollha eżerċitati mill-professjonist inkwistjoni. Dan ir-raġunament wassal lill-Qorti tal-Ġustizzja sabiex tenfasizza li huwa possibbli li titnaqqas il-portata u l-applikazzjoni tal-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 għal professjoni sħiħa biss fil-każijiet li fihom l-attivitajiet marbuta mal-awtorità pubblika huma konnessi ma' oħrajn. Hekk kif indikat fis-sentenza ċċitata iktar 'il fuq mogħtija fil-kawża Reyners, għall-kuntrarju, ma nistgħux naċċettaw din l-estensjoni "ladarba, fil-kuntest ta' professjoni indipendenti, l-attivitajiet parteċipi eventwalment fl-eżerċizzi tal-awtorità pubblika jikkostitwixxu element separat mill-attività professjonali inkwistjoni kollha" [59].

89. It-tielet nett, il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat fil-kawża Reyners li l-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE kien limitat "għall-attivitajiet li, meħudin waħedhom, jikkostitwixxu parteċipazzjoni diretta u speċifika fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika" [60], mingħajr mal-Istati Membri jkunu jistgħu jadottaw dispożizzjonijiet unilaterali ddestinati li jifirxu jew inaqqsu dawn it-termini [61].

90. Fl-aħħar nett, ir-raba' u l-aħħar punt li jistħoqqlu li jkun enfasizzat fil-ġurisprudenza tagħna huwa dwar in-neċessità li jiġu analizzati l-funzjonijiet speċifiċi eżerċitati fl-okkażjoni ta' kull attività fil-kuntest ta' evalwazzjoni strettament marbuta maċ-ċirkustanzi konkreti tal-każ inkwistjoni li

58 — Sentenza tal-21 ta' Ġunju 1974, Reyners (2/74, Ġabra p. 631).

59 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq, punt 47.

60 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq, punt 45.

61 — Sentenza tal-15 ta' Marzu 1988, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (147/86, Ġabra p. 1637, punt 8).

jimponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tikkunsidra fid-dettall id-domandi ta' dritt nazzjonali li s-soluzzjoni tagħhom ma hijiex dejjem faċli. B'hekk, sa mill-kawża Reyners, huwa ċar li l-karatteristiċi neċessarji għall-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE għandhom ikunu evalwati "separatament, għal kull Stat Membru, fir-rigward tad-dispożizzjonijiet nazzjonali applikabbli għall-organizzazzjoni u għall-eżerċizzju ta' din il-professjoni" [62]. Din il-karatteristika tagħmel mill-ġurisprudenza waħda ċirkostanzjali, ftit espressiva u marbuta ħafna mal-ispeċifikazzjonijiet ta' kull attività. Dan hu daqshekk minnu li llum ma teżisti l-ebda sentenza li fiha l-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat is-sens li għandu jingħata għat-termini "dirett", "speċifiku", jew inkella "awtorità pubblika".

91. Fir-rigward tas-soluzzjonijiet mogħtija fil-prattika minn din il-ġurisprudenza, ta' min josserva, hekk kif huwa diġà indikat, li fis-sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja sal-ġurnata ta' llum, din qatt ma waslet għall-konklużjoni li attività tikkostitwixxi parteċipazzjoni diretta u speċifika fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika [63].

62 — Sentenza citata iktar 'il fuq, punt 49.

63 — Ir-Repubblika Federali tal-Ġernanja tikkunsidra li, fis-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1994, Van Schaik (C-55/93, Ġabra p. I-4837), il-Qorti tal-Ġustizzja kienet waslet għall-konklużjoni li attività ekonomika hija parti mill-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Is-sentenza inkwistjoni kienet tindika, konkretament, fil-punt 16, li l-għoti ta' awtorizzazzjoni ta' kontroll minn Stat Membru għal stazzjonar ta' vetturi fi Stati Membri oħra, jimplika l-estensjoni ta' prerogattiva ta' setgħa pubblika barra mit-territorju nazzjonali. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkonkludiet li hija l-fakultà li jingħataw awtorizzazzjonijiet, u mhux l-attività ekonomika suġġetta għal approvazzjoni li tikkostitwixxi parteċipazzjoni fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika.

Il-professjoni ta' avukat [64] it-tagħlim jew it-tmexxija ta' ċentri privati ta' tagħlim [65], l-elaborazzjoni ta' sistemi informatiċi tal-amministrazzjoni pubblika [66], il-funzjoni ta' kummissarju approvat ma' impriżi ta' assigurazzjoni [67], il-kontroll tekniku tal-vetturi [68], imħatri u lotteriji [69], is-servizzi ta' sigurtà privata [70], is-servizzi pubbliċi ta' għajnuna [71], jew ukoll l-entitajiet ta' kontroll ta' prodotti tal-agrikoltura bijoloġika [72], - dawn l-attivitajiet kollha ġew eżaminati mill-Qorti tal-Ġustizzja li, f'kull każ, eskludiet li jistgħu jkunu attivitajiet parteċipi fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika skont l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE [73].

64 — Sentenza Reyners, iċċitata iktar 'il fuq.

65 — Sentenza Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, iċċitata iktar 'il fuq.

66 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Diċembru 1989, Il-Kummisjoni vs L-Italja (C-3/88, Ġabra p. 4035).

67 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-13 ta' Lulju 1993, Thijssen (C-42/92, Ġabra p. I-4047).

68 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-5 ta' Ottubru 1994, van Schaik, iċċitata iktar 'il fuq, u tat-22 ta' Ottubru 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-438/08, Ġabra p. I-10219).

69 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' April 1994, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-272/91, Ġabra p. I-1409).

70 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Ottubru 1998, Il-Kummissjoni vs Spanja (C-114/97, Ġabra p. I-6717); tad-9 ta' Marzu 2000, Il-Kummissjoni vs Il-Belġju (C-355/98, Ġabra p. I-1221); tal-31 ta' Marzu 2001, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-282/99, Ġabra p. I-4363), u tat-13 ta' Diċembru 2007, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-465/05, Ġabra p. I-11091).

71 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' April 2010, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-160/08, Ġabra p. I-03713).

72 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tad-29 ta' Novembru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-404/05, Ġabra p. I-10329) u Il-Kummissjoni vs L-Awstrija (C-393/05, Ġabra p. I-10195).

73 — Madankollu, dan ma jfissirx li l-Qorti tal-Ġustizzja setgħet baqgħet siekta dwar l-attivitajiet li jistgħu jaqgħu taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, bħal fil-kawża van Schaik iċċitata iktar 'il fuq, jew inkella taħt l-Artikolu 39(4) KE, dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema, fejn insibu, b'mod estensiv, allużjonijiet għall-attivitajiet li jistgħu, teoretikament, ikunu parti mill-eżerċizzji tal-awtorità pubblika, bħal pereżempju l-funzjonijiet eżerċitati mill-pulizija u l-uffiċjali pubbliċi fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-30 ta' Settembru 2003, Coleigo de Oficiales de la Marina Mercante Española (C-405/01, Ġabra p. I-10391).

b) Il-ħtieġa ta' approfondiment tal-kunċett ta' awtorità pubblika

92. Bħalma rajna, numru żgħir ta' elementi biss jista' jittieħed mill-ġurisprudenza biex tiġi investigata n-natura jew il-kwalità tal-"awtorità pubblika" msemmija fl-artikolu inkwistjoni. Id-definizzjoni ta' xi jfisser il-kunċett ta' "awtorità pubblika" fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE [74] bilfors ikollha sserraħ fuq *idea predeterminata* tal-kunċett ta' awtorità pubblika bħala kategorija ġenerali tat-teorija tal-Istat li fiha, l-Unjoni, bħala komunità tal-Istati, għandha neċessarjament issib postha [75].

93. Analizzat b'dan il-mod, il-kunċett ta' "awtorità pubblika" jirreferi qabel kollox għas-"setgħa", jiġifieri l-kapaċità li jiġi impost aġir konformi ma' volontà irreżistibbli. F'konformità ma' analiżi ġeneralment aċċettata, u fl-iktar sens mifrux tagħha, il-kapaċità msemmija hija esklużiva għall-Istat, jiġifieri l-istituzzjoni li tippersonifika l-ordinament ġuridiku bħala strument ta' amministrazzjoni u ta' ġestjoni tal-awtorità leġittima [76]. B'hekk, l-awtorità pubblika tirrappreżenta s-setgħa sovrana, *qui superiorem non recognoscens in regno suo*.

94. Dan ifisser li, fi ħdan l-Istat, ma teżisti l-ebda setgħa leġittima oħra għajr dik eżerċitata mill-awtorità pubblika, kemm fl-interess tal-eżistenza tal-Istat u tal-kisba tal-għanijiet tiegħu (interess ġenerali) u kemm jekk tkun għas-servizz ta' aspettattivi leġittimi ta' ċerti individwi privati fir-rigward ta' oħrajn (interess privat) — dejjem fl-osservanza, f'dan l-aħħar każ, tal-kundizzjonijiet stipolati minn qabel [77].

95. Sabiex jiġu delimitati l-oqsma rispettivi tal-awtorità pubblika u tal-individwi, l-għan tal-użu tal-forza monopolizzata u amministrata mill-Istat ċertament jikkostitwixxi kriterju ewlieni. Fil-fatt, l-awtorità pubblika għandha tiżgura li jinkisbu l-għanijiet ġenerali li jikkostitwixxu l-bażi tal-leġittimità tal-forma konkreta tal-Istat adottata mill-awtorità pubblika (tipikament, fl-Ewropa, l-Istat tad-dritt soċjali u demokratiku). Għall-kuntrarju, l-individwi, fl-eżerċizzju tal-awtonomija tagħhom, jistgħu

74 — Il-verżjonijiet lingwistiċi differenti ta' dan l-artikolu jużaw, mingħajr ma jagħmlu distinzjoni, żewġ termini differenti li, minn perspettiva teoretika, jistgħu jimplikaw ċerti differenzi żgħar, jiġifieri t-termini ta' "awtorità pubblika" u ta' "setgħa pubblika". Għaldaqstant, pereżempju, din hija "awtorità" fil-verżjoni Franċiża ("l'exercice de l'autorité publique"), f'dik Ingliża ("the exercise of official authority"), f'dik Portugiża ("exercício da autoridade pública"), f'dik Rumena ("exercitării autorităţii publice") u f'dik Maltija ("l-eżerċizzju tal-awtorità pubblika"), filwaqt li l-espressjoni "setgħa pubblika" tidher fil-verżjoni Spanjola ("ejercicio del poder público"), f'dik Ġermniża ("Ausübung öffentlicher Gewalt"), f'dik Taljana ("esercizio dei pubblici poteri") u f'dik Svediża ("utövandet av offentlig makt").

75 — Għalkemm id-definizzjoni tal-kunċett fl-aħħar mill-aħħar għandha tirriżulta mid-dritt tal-Unjoni, xorta jibqa' l-fatt li l-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kapaċità tagħha ta' interpretu suprem tal-Liġi tal-Unjoni, tirrediġi d-definizzjoni tagħha billi tibda dejjem mid-definizzjonijiet nazzjonali differenti tal-kategorija inkwistjoni. Ara, fost ħafna oħrajn, M. Schlag, Art. 45, *EU-Kommentar*, it-tieni edizzjoni, Nomos, Baden-Baden, 2009.

76 — Ara, f'biblijografija vasta, A. Passerin d'Entrèves, *La dottrina dello Stato*, Giappichelli, Torino, 1962.

77 — Ovvjament, ma aħniex se nitrattaw il-każ tas-saħħa monopolizzata minn Stat ieħor, saħħa li teżisti flimkien ma' dik tal-ewwel Stat bil-kundizzjoni tal-osservanza tal-oqsma rispettivi tas-sovranità delimitati mil-liġi internazzjonali.

jiżguraw is-sodisfazzjon tal-interessi privati tagħhom. Huma jistgħu jagħmlu dan billi jużaw, jekk ikun meħtieġ u fil-kundizzjonijiet previsti mill-ordinament ġuridiku, il-forza amministrata mis-setgħa pubblika li, għal dawn l-għanijiet, tirrappreżenta biss strument għas-servizz ta' interessi mhux ġenerali.

96. Madankollu, il-kriterju li jintuża l-iktar spiss għall-finijiet tal-identifikazzjoni tal-awtorità pubblika huwa dak li jenfasizza l-kapaċità tal-awtorità pubblika li timponi r-rieda tagħha unilateralment, jiġifieri bla ma tkun teħtieġ il-kunsens tal-persuna kkonċernata. Bil-kontra, il-volontà tal-individwu privat tista' tiġi aċċettata minn individwu privat ieħor biss bil-kunsens ta' dan tal-aħħar.

97. Madankollu, l-affarijiet ma humiex tant sempliċi meta jkun involut Stat demokratiku, bħal f'dan il-każ partikolari. Fil-fatt, f'każijiet bħal dawn, fl-aħħar mill-aħħar il-kunsens huwa dejjem meħtieġ b'xi mod jew ieħor. Barra minn hekk, ikun xieraq li tiġi relativizzata d-dikjarazzjoni li skontha r-rieda tal-awtorità pubblika hija imposta mingħajr ma tiġi kkontestata, peress li, mill-perspettiva tal-Istat tad-dritt, li wkoll huwa l-qofol tal-Unjoni, kull att tal-awtorità pubblika jista' jkun suġġett għal proċeduri. Fil-verità, minn dan l-angolu, l-awtorità sovrana tal-Istat demokratiku kull ma jmur tikkostitwixxi dejjem iktar *auctoritas* milli sempliċi *imperium*[78]. Din hija setgħa ta' dominanza eżerċitata mir-rieda stess tal-persuni suġġetti għal obbligu u żgurata mil-leġittimità li toriġina mir-rieda tas-setgħa, iktar milli mit-theddida biss ta' restrizzjoni fiżika[79].

98. Minn dan l-angolu, dan jimplika li l-kunċett inkwistjoni ma huwiex kunċett assolut, iżda relattiv, li għaldaqstant jista' jvarja fil-livelli tiegħu[80]. Iktar ma jkun faċli li jkun impost aġir, iktar il-kwalità ta' awtorità pubblika hija probabbli, dejjem bl-esklużjoni ta' impożizzjoni pura u ċara u inkontestabbli.

99. Għal dawn ir-raġunijiet kollha, l-eżami tal-kriterju tal-għan finali (interess ġenerali/interess individwali) jew ta' dak tal-mod ta' impożizzjoni tal-obbligu żgurat mir-restrizzjoni (unilaterali/bilaterali) jimplika li wieħed jieħu triq li inevitabbilment tispiċċa fuq art ftit soda. Fil-fatt, hawnhekk niltaqgħu ma' kunċetti straordinarjament impreċiżi,

78 — Fil-verità, huwa magħruf li s-sovranità hija kwalità li, bħala karatteristika tal-Istat, ma tista' tiġi sostnuta minn ebda wieħed minn dawn l-entitajiet li, l-istess bħall-Istat innifsu, ma għandhom l-ebda bażi oħra għajr il-kostituzzjoni: *ma hemmx Stat għajr dak li tipprevedi l-kostituzzjoni*, "es gibt nur so viel Staat, wie die Verfassung konsituiert" (P. Häberle,*Europäische Verfassungslehre*, is-sitt edizzjoni, Nomos, Baden-Baden, 2009, p. 187, sentenza li tfakkar l-idea ta' R. Smend u A. Arndt). Fl-Istat kostituzzjonali, skont uħud, ma hemmx sovran billi s-sovranità hija karatteristika tal-Istat kollu kemm hu. Ara M. Kriele, *Einführung in die Staatslehre. Die geschichtlichen Legitimitätsgrundlagen des demokratischen Verfassungsstaates*, Rowohlt Taschenbuchverlag, Hamburg, 1975.

79 — Il-leġittimità oriġinali flimkien ma' dik li tirriżulta mill-eżerċizzju tagħha f'konformità mal-loġika tal-proċeduri. Ara, f'dan ir-rigward, N. Luhmann, *Legitimation durch Verfahren*, Luchterhand, Neuwied/Berlin, 1969.

80 — Ara, f'dan ir-rigward, C. Tomuschat, iċċitat iktar 'il fuq, p. 69.

billi huma suġġetti għal elementi arbitrarji ta' dimensjoni relattiva u, għaldaqstant, ma humiex suxxettibbli għal minimu ta' oġġettività. Naturalment, quddiem każijiet inkontestabbli ta' eżerċizzju ta' awtorità pubblika, bħal dak tal-attivitajiet direttament marbuta mal-eżerċizzju ta' prerogattivi ta' sovranità (armata, forza tal-pulizija, setgħa ġuriżdizzjonali, gvern), jiġu applikati kriterji operazzjonali. Madankollu, dawn il-kriterji ma humiex biżżejjed biex jistabbilixxu l-klassifikazzjoni li għandha tingħata lil attivitajiet pubbliċi oħra li huma inqas marbuta mal-eżerċizzju ta' impożizzjoni u li madankollu, huma distinti mill-attività privata.

100. Jekk nieħdu dan ir-raġunament pass iktar 'il quddiem, ikun tajjeb li tiġi eżaminata l-karatteristika tal-Istat modern, bħala forma ta' amministrazzjoni tas-setgħa ħafna iktar sofistikata mill-forom preċedenti. Dawn tal-aħħar kienu limitati biex jamministraw ir-restrizzjoni fiżika permezz ta' proċeduri ta' definizzjoni tal-kundizzjonijiet tal-eżerċizzju tagħha straordinarjament semplifikati. Għaldaqstant, sabiex jittieħed inkunsiderazzjoni l-fenomenu kollu tal-awtorità pubblika, jidher prattikament inevitabbli li wieħed jibbaża fuq kunċett ta' awtorità pubblika li jibda mil-loġika li hija l-bażi tal-ordinament ġuridiku li fih tiġi eżerċitata l-awtorità msemmija.

101. F'dan ir-rigward, l-ordinament ġuridiku jirrappreżenta proċess ta' implementazzjoni tal-eżerċizzju tal-forza leġittima li jista' jintlaħaq, jekk ikun il-każ, permezz tal-applikazzjoni ta' din il-forza f'każ konkret. Billi dan huwa hekk, ma għandux ikun hemm raġuni għala ma jiġix aċċettat il-fatt li l-atti li jimmarkaw tmiem il-proċess (meta l-proċess tas-setgħa leġittima jintlaħaq b'att li jtemm il-proċess imsemmi billi jagħtih natura definittiva) jidhru bħala l-espressjoni l-iktar kompluta tal-ordinament ġuridiku [81].

102. Skont dan l-approċċ, il-kriterju li jistabbilixxi l-kwalifika ta' att bħala wieħed parteċipi tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika huwa għaldaqstant dak tan-natura tar-relazzjoni tiegħu mas-sistema Statali. B'mod konkret, il-kwalità ta' attività għandha tiġi kkunsidrata bħala l-espressjoni ta' sehem fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika sa fejn hija tagħmel parti minnha (il-livell ta' *appartenenza* tagħha) fl-ordinament ġuridiku msemmi. Dan għaliex il-kriterju ma huwiex dak tal-konformità sempliċi tiegħu mas-sistema kkunsidrata, iżda pjuttost dak tal-inklużjoni tiegħu bħala att tas-sistema inkwistjoni [82].

81 — Rigward il-kunċett tal-ordni bħala suċċessjoni ta' atti marbuta ma' regola ewlenija pożittiva u espressjoni tas-setgħa sovrana, ara b'mod partikolari H. Kelsen, *Reine Rechtslehre*, it-tieni edizzjoni, Deuticke, Vjenna, 1960.

82 — Minn dan isegwi li l-kwistjoni jekk attività partikolari taqax jew le fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika jew le ma jeħtieġx li jkun hemm rabta ma' waħda mit-tliet setgħat u/jew funzjonijiet tal-Istat, jiġifieri s-setgħa leġiżlattiva, is-setgħa eżekuttiva jew is-setgħa ġuriżdizzjonali, b'mod partikolari ma' din tal-aħħar, kif ukoll bħalma seta' jiġi osservat minħabba l-argumenti kontradittorji mressqa matul din il-proċedura.

103. F'dan ir-rigward, il-ġurisdizzjoni tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda li tirrappreżenta l-espressjoni l-iktar tipika tal-awtorità pubblika. Fil-fatt, permezz tad-deċiżjonijiet tagħha, hija tiddikjara definittivament il-liġi, b'tali mod li l-ordinament ġuridiku ma jkunx jista' jiġi distint minn dawn [83]. Madankollu, din l-istess raġuni tippermettilna wkoll li niddikjaraw li awtorità pubblika hija kostitwita minn korp li l-atti tiegħu jistgħu jissodisfaw din il-kundizzjoni mingħajr ma jkun hemm bżonn *iurisdictio*. L-ewwel nett, il-liġi hija eżekuttiva, fiha nnifisha, bħalma huwa kwalunkwe att amministrattiv jew l-ordnijiet mogħtija mis-setgħa pubblika. Dawn huma dejjem atti u dispożizzjonijiet suxxettibbli għal rikors ġudizzjarju, iżda fl-ebda każ ma jkun mehtieġ li jkun hemm "awtorizzazzjoni" biex ikollhom effett immedjat.

104. Minn dak li ntqal qabel jidher ċar li l-ebda individwu privat ma huwa f'pożizzjoni li joħloq atti legali kapaċi li jiġu imposti fuq terzi mingħajr l-intervent tal-awtorità pubblika. Peress li l-użu tas-setgħa mill-indivdwi jibqa' eskluż, dejjem tkun meħtieġa awtorizzazzjoni pubblika biex jibdew jgħoddu d-drittijiet tal-individwu. F'każijiet bħal dawn, l-awtorità pubblika ma tillimitax ruħha għall-*kontroll* ta' att li jista' jipproduċi effett obbligatorju fir-rigward ta' terzi, bħal fil-każ tal-atti tal-amministrazzjoni tal-gvern jew tas-setgħa leġiżlattiva. Għall-kuntrarju, f'dawn il-każijiet, l-intervent tal-awtorità pubblika huwa dejjem dak li jistabbilixxi l-obbligu li l-individwu jkun jixtieq isostni fir-rigward ta' terzi. Għaldaqstant, dawn huma obbligi li jistgħu jiġu kkawżati minn qbil ta' rieda (kuntratt, awtonomija tar-rieda), iżda li l-eżekuzzjoni tagħhom ma taqax taħt l-individwu, peress li dawn jeħtieġu intervent pubbliku.

105. Għaldaqstant, u bħala konklużjoni ta' dak kollu li ntqal qabel, wieħed jista' jgħid li, bil-livell ta' astrazzjoni li jitolbu dawn il-kawżi, kif ukoll in-numru ta' karatteristiċi li jippermettu l-identifikazzjoni tal-awtorità pubblika fi ħdan tradizzjonijiet nazzjonali differenti, hemm lok li tiġi identifikata dik li għandha l-possibbiltà li timponi att, dispożizzjoni jew aġir għar-rieda tal-Istat inkwantu bħala l-iżgħar denominattiv komuni bejn dawn it-tradizzjonijiet tikkostitwixxi, fil-fatt, il-kriterju determinanti sabiex jiġi ddelimitat dak li jaqa' taħt l-isfera pubblika u dak li jaqa' taħt l-isfera tal-individwi.

106. Il-kunsiderazzjonijiet preċedenti għandhom jippermettu li tiġi trattata l-kwistjoni ċentrali mqajma mill-attività tan-nutara b'ħafna iktar ċertezza.

83 — A. Merkl, *Die Lehre von der Rechtskraft*, Deuticke, Leipzig, 1923.

3. Fir-rigward tal-kwistjoni jekk l-attività tan-nutara u, b'mod iktar speċifiku, l-attività ta' awtentifikazzjoni, taqax taħt il-kamp negattiv ta' applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment

107. Minkejja kollox, jidher li jkun tajjeb li ngħaddu għal xi osservazzjonijiet preliminari. Mhux biss il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-ġurisprudenza tagħha, ma esprimietx ruħha dwar il-kwistjoni jekk l-attività notarili taqax taħt dak li sejjaħna l-"kamp negattiv ta' applikazzjoni" tal-libertà ta' stabbiliment, ħaġa li ma tidhirx neċessarja li titfakkar hawnhekk, iżda din il-kwistjoni ġiet suġġetta wkoll għal diskussjoni wiesgħa u sostantiva li hija riflessa ħafna fl-osservazzjonijiet bil-miktub kif ukoll fis-seduta estiża tas-27 ta' April li għadda. Il-ġurisprudenza bla dubju tinkludi xi siltiet li jistgħu jiġu kkunsidrati bħala li jargumentaw favur risposta pożittiva [84]. Madankollu, ma jistax jingħad li l-Qorti tal-Ġustizzja kellha ċ-ċans li tittratta l-kwistjoni bl-attenzjoni kollha meħtieġa.

108. Barra minn hekk, il-pożizzjonijiet sussegwenti meħuda mill-Parlament Ewropew juru l-intensità u t-tul tad-dibattitu [85]. L-istess ħaġa tgħodd għall-premessa 41, ikkwotata iktar 'il fuq, tad-Direttiva 2005/36, indipendentement mill-ambigwità tagħha ftit jew wisq importanti li dwarha se nitkellmu iktar 'il quddiem. Fi kwalunkwe każ, jidher ċar li l-ebda wieħed minn dawn l-atti ma jista' jissostitwixxi l-Qorti tal-Ġustizzja, jew li jneħħilha l-funzjoni tagħha ta' interpretazzjoni tat-Trattati bħala l-aħħar rikors.

a) L-awtentifikazzjoni bħala attività ċentrali tan-nutara fl-Istati konvenuti

109. Ikun xi jkun il-każ, nibdew billi nfakkru li kemm l-Istati kif ukoll il-Kummissjoni jirrikonoxxu li l-qofol tal-attività ta' nutar jinsab fis-setgħa tal-awtentifikazzjoni u fl-effetti marbuta magħha: in-natura eżekuttiva u l-forza probanti. Ċerti Stati Membri, bħall-Belġju jew l-Awstrija, insistew dwar ċerti funzjonijiet sekondarji li jaqdu n-nutara fl-ordinament ġuridiku tagħhom u li jirriflettu elementi ta' awtorità pubblika. Madankollu, il-partijiet kollha, inkluża l-Kummissjoni,

84 — Fis-sentenza iktar 'il fuq msemmija fil-kawża Colegio de Oficiales de la Marina Mercante Española, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat fil-verità każ li jaqa' taħt l-Artikolu 39(4) tat-Trattat KE, li "l-liġi Spanjola tagħti [...] awtorità fil-qasam notarili u tal-Istat ċivili, li ma tistax tiġi spjegata bil-ħtiġijiet biss tat-tmexxija tal-bastiment. Tali funzjonijiet jaqgħu fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-prerogattivi ta' setgħa pubblika għall-finijiet tas-salvagwardja tal-interessi ġenerali tal-Istat tal-bandiera" [traduzzjoni mhux uffiċjali] (punt 42).

85 — Ara r-riżoluzzjonijiet tal-Parlament Ewropew tat-18 ta' Jannar 1994 u tat-23 ta' Marzu 2006 li jenfasizzaw li l-professjoni ta' nutar taqa' direttament u effettivament fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Ir-riżoluzzjoni tal-2006 tindika b'mod espliċitu ħafna li l-Parlament iqis "li l-Artikolu 45 tat-Trattat għandu jiġi applikat kollu kemm hu għall-professjoni ta' nutar bħala tali". Din id-dikjarazzjoni kienet ibbażata fuq il-fatt li "d-delega parzjali tal-awtorità tal-Istat hija element ewleni inkorporat fl-eżerċizzju tal-professjoni ta' nutar, [u] attwalment hija pprattikata fuq bażi regolari u tirrappreżenta sezzjoni ewlenija tal-attivitajiet tan-nutar"..

jaqblu li l-awtentifikazzjoni, flimkien mal-effetti tagħha, hija l-attività li tiddefinixxi bl-aħjar mod il-professjoni u li mingħajrha din titlef l-ispeċifiċità tagħha.

deċennju [86]. Fi ftit kliem, it-tweġiba li għandha tingħata għall-problema mqajma minn dawn ir-rikorsi għandha tinstab fil-klassifikazzjoni ta' ċerti attivitajiet professjonali partikolari kif inhuma regolamentati attwalment fl-Istati kkonċernati. Ovvjament, emenda ta' din il-leġiżlazzjoni jista' jkollha konsegwenzi fuq it-tweġiba mogħtija mill-Qorti tal-Ġustizzja.

110. Barra minn hekk, il-fatt li kien possibbli li s-sitt rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu setgħu jingħaqdu għall-finijiet ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa fundamentalment dovut għall-fatt li jidher possibbli li wieħed isemmi "attività ta' nutar" f'termini li japplikaw għall-kawżi kollha. Fi kliem ieħor, jista' jingħad li, f'dak li jikkonċerna s-sitt Stati inkwistjoni, il-ħidma ta' nutar hija attività ċentrali ta' "awtentifikazzjoni" li tinkludi effetti simili prinċipalment fid-diversi sistemi legali kkonċernati. Naturalment, jeżistu varjanti ta' din is-sitwazzjoni fil-kamp tas-sovranità tal-Istati, jew għax l-Istat jeżerċita dawn il-funzjonijiet direttament permezz tal-amministrazzjoni tiegħu stess, jew għax idgħajjef radikalment il-konsegwenzi tal-intervent tan-nutar f'dokumenti "pubbliċi". Il-każ tal-Portugall sal-bidu tal-proċess ta' riforma tal-professjoni ta' nutar jew dak tal-Land ta' Bade-Wurtemberg jikkostitwixxu eżempji tal-ewwel ipoteżi msemmija; eżempju tat-tieni ipoteżi msemmija, teortikament, jista' jintwera mill-każ tal-Portugall, skont kemm ikun estensiv il-proċess tar-riforma li twettaq fl-aħħar

111. Barra minn hekk, f'dan l-istadju jkun tajjeb ukoll li, f'konformità mas-sentenza Reyners u bħalma diġà ġie indikat hawn fuq, hemm biss lok li jiġi applikat dak li nsejjaħ il-kamp negattiv ta' applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment għal kull professjoni meta "l-attivitajiet li eventwalment jaqgħu fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika jikkostitwixxu element li [ma huwiex] separabbli mill-attività professjonali kollha inkwistjoni" [87]. Issa, wieħed ma jistax ma jaqbilx mal-Istati Membri u l-Kummissjoni meta dawn jaqblu li jikkunsidraw li l-awtentifikazzjoni, kif ukoll l-effetti marbuta magħha, jikkostitwixxu element mhux separabbli tal-attività notarili kollha. Għaldaqstant, jekk jiġi kkonfermat li l-attività msemmija timplika parteċipazzjoni diretta u speċifika tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, l-attività notarili, mifhuma bħala professjoni

86 — Rigward il-każ konkret tan-notarjat Portugiż, ara l-konklużjonijiet tiegħi fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Portugall, li nqraw fl-istess ġurnata bħal dawn il-konklużjonijiet (C-52/08, li għadhom ma ġewx ippubblikati fil-Ġabra).

87 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq, punt 47.

kollha kemm hi, taqa' taħt l-ipoteżi msemmija fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE.

112. Fis-sitt Stati Membri konvenuti, il-missjoni tan-nutar tikkonsisti prinċipalment li jiġu stabbiliti atti awtentiċi li jgawdu żewġ karatteristiċi prinċipali: is-saħħa konklużiva perfetta u n-natura eżekuttiva [88]. F'deskrizzjoni li fil-biċċa l-kbira tagħha hija valida għall-Istati kollha inkwistjoni, u filwaqt li nfakkru d-deskrizzjoni li saret fil-bidu ta' dawn il-konklużjonijiet, wieħed jista' jistqarr li, sabiex titwettaq l-awtentifikazzjoni, in-nutar jaġixxi fuq talba tal-partijiet u jwettaq kontroll tal-legalità tal-att li jawtentifika. L-intervent tan-nutar jista' jkun obbligatorju jew fakultattiv, skont l-att li jkollu jiġi awtentikat. Permezz ta' dan l-intervent, in-nutar jiċċertifika li huma sodisfatti l-kundizzjonijiet kollha mitluba mil-liġi għat-twettiq tal-att, kif ukoll il-kapaċità legali tal-partijiet u l-kapaċità li jieħdu azzjoni [89].

113. L-atti redatti minn nutar għandhom saħħa konklużiva perfetta u ekwivalenti għal dik marbuta mal-atti stabbiliti minn uffiċjal pubbliku. Huma jistgħu jiġu kkontestati biss quddiem il-qrati. Dan ifisser li l-evalwazzjoni mwettqa min-nutar tista' tkun suġġetta għal proċeduri, iżda biss fil-kuntest ta' proċedura straordinarja [90].

114. Barra minn hekk, l-att awtentiku għandu forza eżekuttiva fit-territorju kollu tal-pajjiż. B'hekk, l-eżekuzzjoni tal-att notarili ma teħtieġx il-kunsens tad-debitur (għalkemm jibqa' jkun meħtieġ li jiġi notifikat). Hija r-responsabilità tal-awtorità pubblika li tipproċedi għall-eżekuzzjoni. F'każ ta' oppożizzjoni għall-eżekuzzjoni, id-debitur jista' jindirizza ruħu quddiem il-qrati billi jiftaħ proċedura interlokutorja dwar l-eżekuzzjoni [91].

a) b) Ir-rabta tal-attività tal-awtentifikazzjoni mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika

115. It-tweġiba għal dik li fl-aħħar mill-aħħar tikkostitwixxi d-domanda essenzjali mqajma minn dawn ir-rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu tirriżulta kważi b'mod naturali mill-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq deskritti fir-rigward tal-kriterji ta' identifikazzjoni tal-awtorità pubblika. Fil-fatt, jekk, fost l-elementi l-iktar karatteristiċi tal-Istat modern hemm ir-rabta tiegħu mal-ordinament ġuridiku, il-fatt li attività partikolari tkun tista' jkollha effett fuq il-konfigurazzjoni ta' ordinament ġuridiku jwassal li hija tkun tista' tagħti kontribut b'mod deċiżiv għad-definizzjoni tat-tweġiba.

116. Fost il-kunsiderazzjonijiet li diġà ssemmew f'dan ir-rigward, infakkar li r-rieda tal-Istat tiġi espressa b'mod

88 — Ara punti 13, 20, 27, 34, 42 u 49 ta' dawn il-konklużjonijiet.

89 — Ara punti 14, 21, 28, 35, 36, 43 u 50 ta' dawn il-konklużjonijiet.

90 — Ara punti 15, 22, 29, 37, 44 u 51 ta' dawn il-konklużjonijiet.

91 — Ara punti 16, 23, 30, 38, 45 u 52 ta' dawn il-konklużjonijiet.

definittiv fid-deċiżjonijiet ġurisdizzjonali. Din l-espressjoni tista' tiġi stabbilita minn qabel permezz ta' atti li, skont is-suġġett li jirrigwardaw, ikollhom forza eżekuttiva bejn wieħed u ieħor immedjata. Rajna wkoll fiex jikkonsisti eżattament il-livell tal-immedjatezza ta' din il-forza eżekuttiva li tikkostitwixxi l-kriterju tal-identifikazzjoni tal-awtorità pubblika li wieħed jista' l-iktar joqgħod fuqu. Ovvjament, dejjem ikun possibbli ssirlu oppożizzjoni permezz ta' mezzi legali għal kull tentattiv ta' eżekuzzjoni u, f'każ bħal dan, għal darba oħra tkun ir-responsabilità tal-qrati li jiddeċiedu b'mod definittiv. Fil-fatt, din il-funzjoni tar-riżoluzzjoni tat-tilwim li tagħmel parti integrali mis-setgħa ġuriżdizzjonali tista' tiġi eżerċitata biex tissolva tilwima konkreta, li, b'mod partikolari, tkun tirrigwarda talbiet privati kkontestati (tipikament dawn ikunu talbiet ibbażati fuq drittijiet ta' individwi kontra partijiet oħra fir-relazzjonijiet ta' dritt ċivili).

117. Madankollu, u dan huwa dak li huwa partikolarment importanti għall-iskopijiet tagħna, ordinament ġuridiku nazzjonali partikolari jista' wkoll jagħżel li *jantiċipa*, biex ngħidu hekk, il-kunflitt (u b'hekk li tipprevenih). U dan, b'mod partikolari, billi jiġu kklassifikati bħala pubbliċi (b'valur legali konklużiv u forza eżekuttiva inkorporata) ċerti atti u dispożizzjonijiet ta' individwi li, fihom infushom, inkella ma jistgħux jibbenefikaw minn valur ikbar minn dak tal-atti privati. Permezz ta' dan l-intervent pubbliku fl-atti tal-individwi, is-setgħa pubblika tagħti lil dawn tal-aħħar natura sigura u ċerta, u b'hekk tnaqqas it-tilwima legali. Indipendentement minn dan, huwa ċar li l-possibilità tal-intervent tal-ġurisdizzjoni qatt ma tista' tiġi eskluża jekk, minkejja kollox, jispiċċa jitfaċċa kunflitt [92]. Din il-funzjoni ta' tnaqqis tat-tilwima antiċipata li tikkaratterizza l-attività notarili ta' awtentifikazzjoni setgħet tiġi kklassifikata, b'mod mhux preċiż iżda suġġestiv ħafna, bħala "amministrazzjoni preventiva tal-ġustizzja".

118. Fi kliem ieħor, fil-kuntest kunċettwali ddefinit fil-punti 92 sa 105 ta' dawn il-konklużjonijiet, in-nutara, permezz tal-awtentifikazzjoni, jeżerċitaw direttament u speċifikament attività ta' natura pubblika, fis-sens li, permezz ta' din l-attività, huma jagħtu minn qabel lil individwi, awtorizzazzjoni tal-eżerċizzju tad-dritt tagħhom stess li nkella jkollhom jitolbuha fuq bażi ta' każ b'każ. L-intervent tan-nutar jeżenta l-persuna li tixtieq tibbaża fuq dokumenti awtentifikati min-nutar mill-ħtieġa li titlob il-parteċipazzjoni ta' awtorità pubblika oħra, b'tali mod li hekk ikun ta lill-att awtentifikat valur legali kkwalifikat, pubbliku u li jista' jiġi kkontestat biss quddiem qorti (barra minn hekk, bl-istess mod bħal kwalunkwe att ieħor tal-awtorità pubblika). Ovvjament, il-karatteristika li tistabbilixxi l-kundizzjoni ta' awtorità pubblika ma hijiex l-eżenzjoni minn kull stħarriġ ġudizzjarju, impossibbli fi Stat tad-dritt, iżda l-ipoteżi rinfurzata ta' leġittimità li minnha jibbenefikaw l-atti

92 — Ara, f'dan ir-rigward, de I. Otto,, *Estudios sobre el Poder Judicial*, Ministerio de Justicia, Madrid, 1989.

tagħha stess u, għaldaqstant, ċertu livell ta' rekwiżiti fir-rigward tal-kundizzjonijiet mitluba għall-istħarriġ tagħhom.

119. Ma hemm l-ebda dubju li n-nutar ma jimponux effett vinkolanti u ma jimponi l-ebda obbligu b'mod unilaterali. Madankollu, dan ma huwiex l-uniku kriterju li jistabbilixxi l-kwalità ta' awtorità pubblika, bħalma rajna. L-awtentifikazzjoni tagħti natura pubblika lill-atti ta' individwi privati fis-sens li tagħtihom valur legali minn qabel li, fin-nuqqas ta' dan, l-individwi privati kien ikollhom obbligatorjament jitolbuh lil awtorità pubblika (oħra) fid-dawl tal-implementazzjoni tagħhom f'konformità mal-liġi. Biex ngħidu hekk, din hija forma ta' awtorità pubblika li sseħħ f'qasam eqreb dak tal-individwi, jiġifieri dak tal-awtonomija tar-rieda. Madankollu, id-dimensjoni pubblika tagħha ma tistax tiġi kkontestata jekk wieħed jirreferi għall-kapaċità tagħha li tbiddel f'att pubbliku dak li huwa purament privat u li tagħtih il-forza tal-awtorità pubblika nnifisha [93].

120. Huwa differenti l-fatt li, fir-rigward tar-rabta inqas mill-qrib, biex ngħidu hekk, mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens l-iktar strett tiegħu (permezz tal-konnessjoni mas-setgħat tal-awtorità sovrana), l-attività tan-nutara tista' tkun suġġetta, għall-finijiet tal-eżerċizzju tagħha, għal kundizzjonijiet inqas stretti minn dawk li japplikaw fir-rigward tal-awtoritajiet iktar involuti fl-espressjoni tas-sovranità.

121. Għaldaqstant, u sa fejn l-awtentifikazzjoni tissodisfa din il-funzjoni, inqis li din hija attività li taqa' direttament u speċifikament fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika billi tagħti kwalità speċifika lil dawn l-atti, dispożizzjonijiet u inizjattivi nnifishom li, inkella, ma jkollhomx valur legali ieħor għajr dak marbut mal-espressjoni ta' volontà privata. Jekk tiġi applikata l-ġurisprudenza tal-kawża Reyners f'din il-konklużjoni, peress li l-awtentifikazzjoni tikkostitwixxi l-element ċentrali, u mhux separabbli, tal-funzjoni notarili fl-Istati konvenuti kollha, ikun tajjeb li jiġi ddikkjarat li l-professjoni ta' nutar, b'mod ġenerali u meħuda kollha kemm hi, taqa' direttament u speċifikament fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika.

122. Madankollu, inqis li din il-konklużjoni, waħedha biss, għadha ma tippermettilniex li nagħtu deċiżjoni dwar l-ewwel ilment ta' dawn ir-rikorsi għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

93 — F'dan ir-rigward ukoll, ċerti karatteristiċi ta' natura simbolika msemmija minn ċerti Stati jistgħu jikkonfermaw l-argument li qed insostni. Għaldaqstant, il-fatt li f'ċerti Stati Membri n-nutara jżommu u jużaw it-timbru tal-Istat. Il-klawżola tal-infurzar tidher, f'ċerti każijiet, li daqstant ieħor tesprimi l-funzjoni pubblika tan-nutara, bħal pereżempju fi Franza: "En conséquence, la République mande et ordonne à tous huissiers de justice, sur ce requis de mettre les présentes à exécution. Aux Procureurs Généraux de la République près des Tribunaux de Grande instante d'y tenir main. A tous, Commandants et Officiers de la force publique de prêter main-forte lorsqu'ils en seront légalement requis".

4. Il-kundizzjoni taċ-ċittadinanza quddiem il-prinċipju ta' proporzjonalità

123. Sa issa, għamilna analiżi tal-aspett funzjonali tal-professjoni ta' nutar fl-Istati konvenuti. Madankollu, il-Kummissjoni ffokat it-talba tagħha għal dikjarazzjoni ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu fuq punt konkret tal-istatus tan-nutara, jiġifieri l-kundizzjoni ta' ċittadinanza. Għaldaqstant, minn issa 'il quddiem huwa meħtieġ li jiġi stabbilit jekk l-inklużjoni tal-professjoni ta' nutar fil-"kamp negattiv ta' applikazzjoni" tal-libertà ta' stabbiliment iġġibx magħha, inevitabbilment jew le, il-leġittimità tal-kundizzjoni msemmija. Dan jerġa' jafferma li, bħalma konna għidna, huwa meħtieġ li jsir eżami ta' proporzjonalità li, permezz tiegħu, ikun tajjeb li wieħed jiżen, minn naħa waħda, id-diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza u, min-naħa l-oħra, il-livell ta' parteċipazzjoni tal-attività notarili fl-awtorità pubblika.

a) L-istatus tan-nutara

124. L-istatus ċertament jikkorrispondi għall-funzjoni, u dan l-istatus jikkonferma l-klassifikazzjoni mwettqa fir-rigward tal-funzjoni. B'hekk, in-nutar huwa uffiċjal pubbliku li jirrappreżenta l-Istat, għalkemm l-attività hija kkunsidrata bħala waħda li tinvolvi l-eżerċizzju ta' professjoni indipendenti. Il-ħatra tiegħu hija definittiva u hija suġġetta għal sistema dixxiplinarja li tapplika għall-persuni li jaħdmu għall-awtorità pubblika [94].

125. Ir-relazzjoni tad-dritt pubbliku li teżisti bejn in-nutar u l-Istat turi b'mod partikolari r-rabta mal-awtorità pubblika. Din hija relazzjoni li tidher mill-bidu tal-attività, b'kundizzjonijiet ta' aċċess simili għal dawk li japplikaw għall-uffiċjali u li jimponu wkoll it-teħid ta' ġurament. Għaldaqstant, l-istatus jesprimi n-natura istituzzjonali tar-rabta li teżisti bejn in-nutar u l-Istat u tal-fatt li, għalhekk, din ir-rabta tippermetti lin-nutar li jagħmel uffiċjali r-rieda tal-Istat permezz tal-istabbiliment ta' atti legali privati.

126. Skont ir-rabta msemmija, l-Istati Membri konvenuti introduċew, fl-ordinament ġuridiku tagħhom, ir-rekwiżit li wieħed għandu jkun ċittadin tal-Istat inkwistjoni biex ikun jista' jkollu aċċess għall-professjoni ta' nutar. Dan ir-rekwiżit, li jikkostitwixxi diskriminazzjoni diretta minħabba ċittadinanza u, ovvjament, jagħmel parti mill-istatus personali ta' kull min jeżerċita l-professjoni ta' nutar, jikkostitwixxi element li, skont il-Kummissjoni, jikser l-Artikoli 43 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, u li, hekk kif ser jintwera hawn taħt, għandu jiġi suġġett għal kontroll ta' proporzjonalità.

94 — Ara punti 18, 25, 32, 40, 47 u 54 ta' dawn il-konklużjonijiet.

b) Id-diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza fid-dawl tal-Artikolu 43 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE.

127. Bħalma ġie indikat mill-punti 83 sa 86 ta' dawn il-konklużjonijiet, huwa meħtieġ, meta jiġu applikati l-Artikoli 43 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45KE, mhux biss li jiġi stabbilit jekk attività taqax fl-ambitu tal-awtorità pubblika, iżda wkoll li minn hawn 'il quddiem jiġi stabbilit jekk il-miżura tal-Istat ikkontestata tistax tiġi ġġustifikata, fid-dawl tal-prinċipju ta' proporzjonalità, permezz tal-għanijiet segwiti/koperti miż-żewġ artikoli inkwistjoni.

128. L-ewwel nett, ikun xieraq li jiġi enfasizzat li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, għall-kuntrarju ta' dak li seta' jirriżulta minn interpretazzjoni iktar "spontanja" u għall-elementi li eventwalment setgħu jirriżultaw mill-ġurisprudenza [95], ma fih l-ebda riferiment għad-diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza. Għaldaqstant, l-assoċjazzjoni li ssir tradizzjonalment bejn l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE u l-kundizzjoni ta' ċittadinanza, għandha titqies bi prudenza, peress li din hija relazzjoni li ġiet iffurmata mill-kawżi li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet sal-lum, iżda mingħajr ma tikkorrispondi għal rabta *neċessarja* bejn dawn iż-żewġ elementi [96]. Huwa importanti li jiġi enfasizzat li, għalkemm l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE huwa dispożizzjoni li qatt ma nbidlet minn meta ġiet redatta, it-Trattat, min-naħa tiegħu, sarulu xi bidliet, u dawn kienu radikali. Jekk l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 tat-Trattat KE seta' jiġi interpretat bħala wieħed marbut maċ-ċittadinanza, il-bidla li saret lit-Trattati kostituttivi matul l-aħħar għoxrin sena ma għandhiex twassal għall-konklużjoni, b'mod xi ftit mgħaġġel, li dan l-artikolu jimplika bilfors li huwa possibbli li l-Istati Membri jintroduċu, b'nuqqas ta' attenzjoni, diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza.

129. It-tieni nett, ma hemmx għalfejn nenfasizzaw li d-diskriminazzjoni diretta minħabba ċittadinanza ma tikkostitwixxix xi miżura kwalunkwe li tirriżulta sempliċement f'ostakolu għal-libertà ta' moviment. Anzi, għall-kuntrarju, din it-tip ta' diskrimazzjoni għandha dimensjoni partikolari ħafna fil-Liġi tal-Unjoni, peress li hija, qabel kollox, manifestazzjoni mill-iktar ċara ta' protezzjoniżmu nazzjonali [97].

95 — Ara l-ġurisprudenza msemmija fin-noti ta' qiegħ il-paġna 64 sa 73.

96 — Dan jixhdu wkoll il-fatt li l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 tat-Trattat KE ġie invokat ukoll, għalkemm għalxejn, biex jiġu ġġustifikati l-obbligi li wieħed ikollu residenza jew strutturi permanenti fit-territorju ta' Stat Membru, bħal fil-kawżi Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja u Il-Kummissjoni vs L-Awstrija, iċċitati iktar 'il fuq.

97 — Ara, b'mod ġenerali, G. Davies, *Nationality Discrimination in the European Internal Market*, Kluwer, La Haye, 2003, u M. Rossi, "Das Diskriminierungsverbot nach Artikel 12 EGV", Europarecht 2000, p. 197 *et seq.*

F'Unjoni li tipproklama l-ħolqien ta' suq mingħajr fruntieri interni, l-eżistenza ta' diskriminazzjoni diretta minħabba ċittadinanza hija negazzjoni fiha nnifisha tal-istess idea ta' integrazzjoni. Dan isir saħansitra iktar evidenti, jekk niftakru li l-Unjoni Ewropea inkorporat id-drittijiet fundamentali, b'mod partikolari il-prinċipju ta' ugwaljanza, skont l-Artikoli 20 u 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali [98]. Għalhekk, Unjoni bbażata fuq il-valuri tad-Istat tad-dritt u li tiggarantixxi l-osservanza tad-drittijiet fundamentali ma tistax ma tistaqsix dwar soluzzjoni li twassal għal forma ta' diskriminazzjoni li mhux talli tidher serja fiha nnifisha, iżda li barra minn hekk tmur kontra l-prinċipji l-aktar bażiċi tas-suq intern. Dan huwa rifless essenzjalment fl-Artikolu 12 KE, li jipprovdi li "kull diskriminazzjoni minħabba nazzjonalità għandha tiġi projbita", kif ukoll ikkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li ripetutament ċaħdet ir-rikors min-naħa tal-Istati Membri għal dawn it-tipi ta' miżuri. Għaldaqstant, nistgħu ngħidu li fost il-motivi kollha ta' diskriminazzjoni pprojbita mid-dritt tal-Unjoni Ewropea, dik ibbażata fuq iċ-ċittadinanza hija partikolarment gravi [99].

130. Għalhekk jidher inevitabbli li nistaqsu x'inhi l-portata tal-effett derogatorju tar-regola li tirriżulta mill-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, dwar id-dispożizzjonijiet l-oħra tat-Trattat u b'mod partikolari, fuq xi wħud mill-prinċipji fundamentali tiegħu.

131. Li d-diskriminazzjoni minħajja ċittadinanza hija pprojbita, huwa stabbilit fl-Artikolu 12 KE [100]. Issa, applikazzjoni konġunta tal-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE tista, bħala prinċipju, tirriżulta f'sitwazzjoni fejn Stat jadotta legalment miżura li fir-rigward ta' individwi, twassal għal diskriminazzjoni ta' din in-natura. Alternattivament, nistgħu ngħidu li f'ċirkustanzi bħal dawn, ikun xieraq li jiġi applikat l-Artikolu 18 KE li jawtorizza l-moviment liberu tal-persuni meta l-hekk imsejħa libertajiet "ekonomiċi" ma jkunux

98 — Fil-konklużjonijiet tiegħu mogħtija fil-kawża Coleman (sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Coleman, C-303/06, Ġabra p. I-5603), l-Avukat Ġenerali Maduro saħaq li "[l]-iktar mod ovvju li bih id-dinjità u l-awtonomija ta' persuna [...] jistgħu jiġu affettwati huwa meta wieħed jiġi direttament identifikat minħabba li jkollu karatteristika li tagħti lok għal suspett. It-trattament inqas favorevoli ta' persuna abbażi ta' raġunijiet bħal twemmin reliġjuż, età, diżabbiltà u orjentazzjoni sesswali jippreġudika dan il-valur speċjali u uniku li l-persuni għandhom bis-saħħa tal-fatt li huma umani. Ir-rikonoxximent tal-valur ugwali ta' kull persuna umana jfisser li għandna neskludu kunsiderazzjonijiet ta' dan it-tip meta nimponu piż fuq xi ħadd jew inċaħħdu lil xi ħadd minn benefiċċju. Fi kliem ieħor, dawn huma karatteristiċi li ma għandu jkollhom l-ebda rwol fi kwalunkwe evalwazzjoni dwar jekk huwiex sew jew le li xi ħadd jiġi ttrattat b'mod inqas favorevoli" (punt 10).

99 — Din il-gravitá hija kkonfermata mill-ġurisprudenza estensiva tal-Qorti tal-Ġustizzja li ripetutament ikkundannat it-tentattivi tal-Istati Membri biex jiġġustifikaw l-adozzjoni ta' regoli li jinvolvu diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza. Ara, *ex multis*, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Ottubru 1993, Phil Collins *et* (C-92/92 u C-326/92, Ġabra p. I-5145, punt 33); tat-2 ta' Ottubru 1997, Saldanha u MTS (C-122/96, Ġabra p. I-5325, punti 26 u 29); tas-16 ta' Jannar 2003, Il-Kummissjoni vs L-Italja (C-388/01, Ġabra p. I-721, punti 19 u 20); tal-5 ta' Ġunju 2008, Wood (C-164/07, Ġabra p. I-4143, punt 13), u tas-16 ta' Diċembru 2008, Huber (C-524/06, Ġabra p. I-9705, punti 78 u 79).

100 — Ara s-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Mejju 1994, Corsica Ferries (C-18/93, Ġabra p. I-1783, punt 19); tad-29 ta' Frar 1996, Skanavi u Chryssanthakopoulos (C-193/94, Ġabra p. I-929, punt 20); tal-25 ta' Ġunju 1997, Mora Romero (C-131/96, Ġabra p. I-3659, punt 10); tat-12 ta' Mejju 1998, Gilly (C-336/96, Ġabra p. I-2793, punt 37); tas-26 ta' Novembru 2002, Oteiza Olazabal (C-100/01, Ġabra p. I-10981, punt 25); tal-11 ta' Diċembru 2003, AMOK (C-289/02, Ġabra p. I-15059, punt 25), u tad-29 ta' April 2004, Weigel (C-387/01, Ġabra p. I-4981, punt 57).

applikabbli. Madankollu, hekk kif inhu magħruf, dan l-Artikolu huwa applikabbli "salvi l-limitazzjonijiet u l-kondizzjonijiet stabbiliti f'dan it-Trattat". Issa fost dawn il-limitazzjonijiet insibu, naturalment, l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE [101].

132. Filwaqt li l-kwistjoni hija dwar jekk id-diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza taqax fil-kamp negattiv tal-applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment, nistgħu ngħidu li l-Istati Membri jibqgħu ħielsa li jidderogaw mid-dritt tal-Unjoni Ewropea mingħajr ma, fil-prinċipju, l-ebda dispożizzjoni oħra tat-Trattat ma tpoġġi f'diskussjoni l-miżura inkwistjoni.

133. Riżultat bħal dan, li meta mqabbel ma' dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat, jpoġġi l-Artikolu 12 KE fi stat ta' subordinazzjoni, jidhirli li huwa kontestabbli. Il-fatt li l-Artikolu 12 KE huwa suġġett għal xi kundizzjonijiet, ma jimplikax, *a contrario,* li din hija dispożizzjoni sussidjarja. Il-pożizzjoni tiegħu fl-istruttura tat-Trattat, kif ukoll l-importanza tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni fid-dritt tal-Unjoni iktar jinkoraġġixxi l-interpretazzjoni tal-artikolu bħala regola sinottika milli waħda sussidjarja, jiġifieri regola li l-applikazzjoni tagħha tiġi rrifjutata faċilment fid-dawl ta' dispożizzjonijiet oħra iktar speċifiċi tat-Trattat. Barra minn hekk, skont l-iktar ġurisprudenza reċenti tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja donnha xxaqleb iktar lejn din l-interpretazzjoni [102]. Għaldaqstant, il-fatt li attività għandha tiġi kkunsidrata, fid-dawl tal-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, bħala waħda li taqa' fil-kamp negattiv ta' applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment, mhux bilfors għandu jimplika li ma hijiex meħtieġa interpretazzjoni sistematika fid-dawl tal-Artikolu 12 KE.

134. Il-validità ta' din l-interpretazzjoni tissaħħaħ jekk wieħed josserva li f'każ bħal dak preżenti, fejn attività bħal dik notarili tidher involuta fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, tkun suġġetta għal dispożizzjonijiet oħra tat-Trattat. Dan japplika b'mod partikolari għall-Artikolu 86 KE, li jobbliga lill-Istati Membri biex jiżguraw l-osservanza tar-regoli tal-kompetizzjoni f'dawk l-oqsma li huma suġġetti għal xi obbligi ta' servizz pubbliku [103]. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tiddikjara li

101 — Ara M. Rossi, Das Diskriminierungsverbot nach Artikel 12 EGV, iċċitat, p. 208; A. Epiney, "The Scope of Article 12 EC: Some Remarks on the Influence of European Citizenship", European Law Journal, 2007; S. Kadelbach, "Union Citizenship", f': A. von Bogdandy u J. Bast, *Principles of European Constitutional Law*, l-Ewwel Edizzjoni, Hart Publishers, Oxford-Portland, 2005, p. 476.

102 — Ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Jannar 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja (C-251/04, Ġabra p. I-67, punt 26), u l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Mengozzi fil-kawża Neukirchinger (C-383/08, li għadha pendenti), mogħtija fis-7 ta' Settembru 2010, b'mod partikolari l-punti 60 sa 69.

103 — Ara P.V. van Vormizeele,, "Art. 86", fi: Schwarze, J., *EU-Kommentar*, iċċitat iktar 'il fuq; J.L. Buendía Sierra, *Exclusive rights and state monopolies under EC Law*, Oxford University Press, Oxford, 1999; T. Prosser, *The Limits of Competition Law. Markets and Public Services*, Oxford University Press, Oxford, 2005 u E. Szyszczak, *The Regulation of the State in Competitive Markets in the EU*, Hart Publishers, Oxford, 2007.

attività taqa' taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, dan mhux bilfors ifisser li din l-istess attività hija eżenti mir-regoli tal-kompetizzjoni stabbiliti fl-Artikoli 81 KE u 82 KE[104]. Dan jgħodd ukoll għall-bażijiet legali pprovduti għall-implementazzjoni tal-politika tal-Unjoni Ewropea: xejn ma jipprekludi lill-istituzzjonijiet milli jadottaw regolamenti jew direttivi f'oqsma li, mill-perspettiva tal-libertajiet fundamentali, jibqgħu esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħhom. Dan huwa kkonfermat mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja li, pereżempju tqis li l-attività notarili hija suġġetta għall-VAT, billi tibbaża fuq il-fatt li n-nutar huwa persuna taxxabbli peress li b'mod indipendenti, iwettaq attività ekonomika "ikun xi jkun l-iskop jew ir-riżultat ta' dik l-attività"[105]. Fil-fatt, fil-kawża Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat, fil-kuntest speċifiku tat-tassazzjoni indiretta, li n-nutara ma jagħmlux "parti minn korp tal-amministrazzjoni pubblika" u ma jwettqux din l-attività notarili "fil-forma ta' korp statutorju [...] iżda bħala waħda ekonomika u indipendenti, imwettqa fl-ambitu ta' professjoni libera"[106].

135. Bażikament, il-fatt li xi attività tista' jkollha x'taqsam mal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika ma jeżentax lill-Istati Membri mill-obbligu li jikkonformaw mad-dritt tal-Unjoni. Quddiem diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza, hemm bżonn li tingħata attenzjoni partikolari lejn l-osservanza ta' dan l-obbligu li, f'dan il-każ jikkonċerna l-attività notarili u konsegwentement kollettività komposta minn persuni fiżiċi. Peress li dan il-każ jikkonċerna persuni fiżiċi, minn naħa, u diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza min-naħa l-oħra, huwa meħtieġ li l-problema tiġi indirizzata wkoll fid-dawl tal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni.

136. Infatti, wara l-1992, kemm it-Trattati kif ukoll il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għenu fil-ħolqien ta' rabta diretta u ta' natura evoluttiva bejn iċ-ċittadin u l-Unjoni Ewropea[107]. Ħadd ma jista' jiċħad li din ir-relazzjoni hija kkostitwita permezz taċ-ċittadinanza ta' kull Stat Membru, u ma jfissirx għaldaqstant li din hija ċittadinanza superjuri għal dik nazzjonali, iżda l-kontra: dan huwa status li jirriżulta minn dak nazzjonali iżda li jevolvi f'sors awtonomu ta' drittijiet u obbligi, mingħajr ma l-Istati Membri jistgħu jadottaw regoli li jmorru kontra dawn. Reċentement, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonfermat din l-awtonomija fil-

104 — Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-21 ta' Settembru 1998, Van Eycke (267/86, Ġabra p. 4769); tal-4 ta' Mejju 1988, Bodson (30/87, Ġabra p. 2479); tad-19 ta' Marzu 1991, France vs Il-Kummissjoni (C-202/88, Ġabra p. I-1223); tat-23 ta' April 1991, Höfner u Elser (C-41/90, Ġabra p. I-1979); tat-13 ta' Diċembru 1991, GB-Inno-BM (C-18/88, Ġabra p. I-5941); tat-30 ta' Marzu 2006, Servizi Ausiliari Dottori Commercialisti (C-451/03, Ġabra p. I-2941); tat-3 ta' Lulju 2003, Chronopost *et* vs Ufex *et* (C-83/01 P, C-93/01 P u C-94/01 P, Ġabra p. I-6993), kif ukoll tal-1 ta' Lulju 2008, MOTOE (C-49/07, Ġabra p. I-4863)

105 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-26 ta' Marzu 1987, Il-Kummissjoni vs Il-Pajjiżi l-Baxxi (235/85, Ġabra p. 1471). Iċ-ċitazzjoni hija meħuda mill-Artikolu 4(1) tas-Sitt Direttiva tal-Kunsill 77/388/KEE, tas-17 ta' Mejju 1977, fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23).

106 — Sentenza ċċitata iktar 'il fuq, punt 22.

107 — Ara, *ex multis*, S. O'Leary, *The Evolving Concept of Community Citizenship. From the Free Movement of Persons to Union Citizenship*, Kluwer, Den Haag, 1996, p. 23 sa 30.

kawża Rottmann meta affermat li l-Istati Membri ma jistgħux jindaħlu fir-rabta bejn l-Unjoni Ewropea u ċ-ċittadin, biex b'hekk iċaħħduh inġustifikament miċ-ċittadinanza tiegħu. Għaldaqstant, miżura nazzjonali li tista' "twassal sabiex jitlef l-istatus mogħti mill-Artikolu 17 KE u d-drittijiet marbuta miegħu, taqa' taħt, minn natura tagħha stess u mill-konsegwenzi tagħha, id-dritt tal-Unjoni" [108].

137. Barra minn hekk, iċ-ċittadinanza Ewropea tikkostitwixxi mhux biss rabta diretta bejn iċ-ċittadin u l-Unjoni, iżda hija wkoll sfera ta' relazzjonijiet bejn iċ-ċittadin u l-Istati Membri kollha. Dan l-aspett taċ-ċittadinanza jiggarantixxi lil kull ċittadin, id-dritt għall-moviment liberu fi ħdan l-Unjoni Ewropea, kif ukoll id-dritt li jirrisjedi fi kwalunkwe Stat Membru. B'hekk, din ir-rabta ma' l-Unjoni għandha effett orizzontali fuq l-awtoritajiet nazzjonali kollha, li għandhom jastjenu milli jadottaw miżuri li jostakolaw jew jagħmlu iktar diffiċli l-eżerċizzju tal-moviment liberu, inkluż meta l-miżura tapplika għaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat [109]. Għal dan il-għan, il-Qorti tal-Ġustizzja saħħet il-portata tal-Artikolu 18 KE billi l-ewwel irrikonixxietlu effett dirett [110] u mbagħad billi żviluppat ġurisprudenza sostanzjali li tat kontenut lill-istatus ta' ċittadin mobbli, inkluż f'sitwazzjonijiet fejn l-individwu kkonċernat ma jkun qed iwettaq l-ebda attività ekonomika [111] jew fejn il-miżura kienet tapplika għall-membri tal-familja li jkunu ċittadini ta' pajjiżi terzi [112].

138. Kundizzjoni taċ-ċittadinanza applikabbli għal persuni fiżiċi u introdotta allegatament taħt il-kopertura tal-kamp negattiv tal-applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment, għandha qabel kollox tikkwalifika bħala miżura li għandha effett fuq iċ-ċittadin tal-Unjoni Ewropea, sa fejn tuża l-kriterju tal-attribuzzjoni taċ-ċittadinanza tal-Unjoni, jiġifieri ċ-ċittadinanza tal-Istat, bħala motiv li jostakola l-aċċess għal attivitajiet li jaqgħu fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika, fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE. Issa, it-Trattati f'ċirkustanzi speċjali biss jistgħu jippermettu li, kif ser naraw, ma humiex preżenti f'dan il-każ, l-element ta' attribuzzjoni taċ-ċittadinanza tal-Unjoni jista' jservi ta' motiv għall-eżenzjoni

108 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Marzu 2010, Rottmann (C-135/08, Ġabra p. I-01449, punt 42) (enfasi tiegħi).

109 — Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-2 ta' Ottubr 2003, Garcia Avello (C-148/02, Ġabra p. I-11613); tal-14 ta' Ottubru 2008, Grunkin u Paul (C-353/06, Ġabra p. I-7639), kif ukoll is-Sentenza Rottmann, iċċitata hawn fuq.

110 — Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-17 ta' Settembru 2002, Baumbast u R (C-413/99, Ġabra p. I-7091).

111 — Sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' Settembru 2001, Grzelczyk (C-184/99, Ġabra p. I-6193); tal-11 ta' Lulju 2002, Carpenter (C-60/00, Ġabra p. I-6279); tal-15 ta' Marzu 2005, Bidar (C-209/03, Ġabra p. I-2119); tas-26 ta' Ottubru 2006, Tas-Hagen u Tas (C-192/05, Ġabra p. I-10451); tat-23 ta' Ottubru 2007, Morgan u Bucher (C-11/06 u C-12/06, Ġabra p. I-9161), u, iktar reċenti, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-23 ta' Frar 2010, Teixeira (C-480/08, Ġabra p. I-01107), u Ibrahim (C-310/08, Ġabra p. I-01065).

112 — Ara, pereżempju, is-sentenzi tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-11 ta' Lulju 2002, Carpenter, iċċitata iktar 'il fuq, u tad-19 ta' Ottubru 2004, Zhu u Chen (C-200/02, Ġabra p. I-9925).

ta' dritt marbut mill-qrib mal-istatus ta' ċittadin tal-Unjoni Ewropea. F'dimensjoni transnazzjonali, iċ-ċittadinanza Ewropea hija bbażata fuq l-eżistenza ta' komunità ta' Stati u individwi li għandhom sensiela komuni ta' valuri, livell għoli ta' fiduċja reċiproka, kif ukoll impenn ta' solidarjetà. Jekk l-attribuzzjoni taċ-ċittadinanza ta' Stat Membru tilqa' l-individwu f'din il-komunità ta' valuri, fiduċja u solidarjetà, tkun kemmxejn paradossali li l-appartenenza f'din l-istess komunità tkun preċiżament ir-raġuni li ċċaħħad liċ-ċittadin tal-Unjoni Ewropea mill-opportunità li jeżerċita d-drittijiet u l-libertajiet mogħtija lilu taħt it-Trattat.

139. Fuq il-bażi tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nistgħu nistabbilixxu li diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza tikkostitwixxi miżura li, min-natura tagħha stess, tikkostitwixxi ndħil serju fl-isfera taċ-ċittadin Ewropew, aċċettabbli biss fid-dawl tal-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE wara kontroll metikoluż ta' proporzjonalità, li jimplika l-preżenza ta' raġunijiet partikolarment sinjifikattivi ta' interess ġenerali.

c) L-evalwazzjoni tal-proporzjonalità

140. Finalment, hekk kif intqal hawn fuq, meta jiġi applikat kontroll ta' proporzjonalità għar-regola li tirriżulta mill-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, huwa meħtieġ li jitqies il-livell ta' parteċipazzjoni tal-attività inkwistjoni fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. F'dan il-każ, hekk kif rajna fil-punti 115 sa121 ta' dawn il-konklużjonijiet, l-attività notarili taqa' fl-ambitu tal-eżerċizzju tal-awtorità pubblika fis-sens tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, iżda peress li din l-attività titwettaq bħala waħda ekonomika, il-livell ta' parteċipazzjoni huwa inqas minn dak ta' attivitajiet oħra, bħal dawk li jinvolvu l-eżerċizzju dirett ta' setgħat sovrani. Għaldaqstant, l-Istati Membri jistgħu jadottaw miżuri li huma jqisu xierqa, flimkien mal-libertajiet imsemmija, iżda dejjem bil-kundizzjoni li dawn il-miżuri jkunu proporzjonati mal-għanijiet jew skop segwit. Fid-dawl tal-argumenti mqajma mill-Istati Membri, filwaqt li ma hemm l-ebda dubju li l-professjoni ta' nutar tinvolvi garanziji u karatteristiċi speċjali li juru l-importanza tagħha fil-kuntest tat-transazzjonijiet legali privati, huwa minnu wkoll li l-ebda waħda minn dawn il-karatteristiċi ma tiġġustifika li l-istatus tal-membri tagħha jista' jkun bażi ta' miżura daqshekk rigoruża u severa bħalma hi dik tad-diskriminazzjoni diretta minħabba ċittadinanza, bħal dik tal-każijiet inkwistjoni.

141. F'dan ir-rigward, l-Istati konvenuti invokaw b'mod partikolari l-importanza tal-ġurament meħud minn nutara qabel il-ħatra tagħhom. Skont l-Istati, din id-dikjarazzjoni tesprimi l-qrubija tar-relazzjoni eżistenti bejn nutar u l-Istat li tagħtih awtorità pubblika, rabta li hija espressjoni tal-lealtà tal-individwu

fir-rigward ta' komunità politika partikolari u li, f'dan il-każ, tieħu l-forma ta' kundizzjoni ta' ċittadinanza. L-Istati konvenuti enfasizzaw ripetutament l-importanza ta' din ir-rabta. F'dak li jikkonċerna l-każ konkret tal-Lussemburgu, dan wasal biex saħansitra jassoċja l-kundizzjoni ta' ċittadinanza li għaliha l-aċċess għall-professjoni ta' natura huwa suġġett mal-protezzjoni tal-identità kostituzzjonali tal-Gran Dukat.

142. Għaldaqstant, il-kunċett ta' lealtà, inkwantu espressjoni ta' impenn lejn komunità politika u ta' solidarjetà ma jistax jitqies fih innifsu bħala sinjal distintiv u esklużiv tal-Istati Membri li bħala tali jkun neċessarjament jirrikjedi rabta ta' ċittadinanza. Bil-kontra ta' dan, iċ-ċittadin Ewropew bħala tali, ma huwiex eżentat mill-impenn ta' lealtà lejn l-Unjoni. Approċċ li permezz tiegħu ċittadin fi Stat Membru ma jkunx fil-pożizzjoni li jesprimi impenn ta' lealtà lejn Stat Membru ieħor, ħlief billi jadotta minn qabel iċ-ċittadinanza ta' dan l-Istat Membru jimplika kontestazzjoni fundamentali kemm tal-Artikoli 17 KE u 18 KE kif ukoll tad-drittijiet politiċi marbuta maċ-ċittadinanza skont it-Trattati, kif ukoll tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

143. L-istrumenti ta' kooperazzjoni ġudizzjarja fi kwistjonijiet ċivili u kriminali adottati mill-Unjoni, b'mod partikolari d-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 44/2001 [113], jagħtu saħħa lil din l-aħħar idea. In-nutar, bl-intervent tiegħu, jeżerċita funzjoni ta' natura pubblika, li l-effetti tagħha huma rikonoxxuti fl-Istati tal-Unjoni. Kemm l-eżistenza ta' livell għoli ta' fiduċja, kif ukoll is-sensiela ta' valuri u prinċipji li ġiet mwaqqfa fuqhom l-Unjoni, mhux biss ittrasformaw lin-nutar f'uffiċjal pubbliku tal-Istat, iżda wkoll f'uffiċjal pubbliku tal-Unjoni. L-effettività ta' din id-delegazzjoni ta' awtorità fl-Unjoni Ewropea tirrifletti impenn ta' lealtà iktar kumpless minn dak li nsibu bejn iċ-ċittadin u l-Istat. Għaldaqstant, in-nutar jidħol f'qafas fejn il-lealtà tistabbilixxi ruħha kemm fir-rigward tal-Istat li jagħti l-awtorità kif ukoll fir-rigward tal-Unjoni Ewropea li tassumiha, bl-istess mod kif fir-rigward tal-Istati Membri l-oħra.

144. Fil-mument li, fil-proċess ta' integrazzjoni Ewropea, iċ-ċittadini tal-Unjoni Ewropea jitħallew jipparteċipaw fil-proċeduri demokratiċi ta' deċiżjonijiet nazzjonali fejn jirrisjedu, kif previst għal elezzjonijiet lokali jew biex jinkoraġġixxu inizjattivi leġiżlattivi ta' ċittadini fuq livell

113 — Ara r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 44/2001, tat-22 ta' Diċembru 2000, dwar ġurisdizzjoni u rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' sentenzi f'materji ċivili u kummerċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 19, Vol. 4, p. 42), b'mod partikolari l-Artikolu 57 tiegħu.

Ewropew, il-kunċett ta' lealtà ma jistax ikun limitat unikament u neċessarjament għaċ-ċittadini tal-Istat Membru kkonċernat. Jekk b'lealtà nifhmu impenn ta' rbit fir-rigward tad-drittijiet u l-obbligi li jorbtu ċittadin mal-Istat u mal-Unjoni, nikkunsidra li fiċ-ċirkustanzi tal-każijiet inkwistjoni, il-ħtieġa ta' rabta ta' ċittadinanza mal-Istat Membru kkonċernat bħala espressjoni tal-imsemmija responsabbiltà, la hija neċessarja u lanqas leġittima.

145. Il-funzjoni ta' Gerichtskommissär li assumew in-nutara, b'mod partikolari dawk fl-Awstrija, tirrikjedi fi kwalunkwe każ, attenzjoni partikolari. Għalkemm huwa paċifiku li fit-twettiq ta' din il-funzjoni, in-nutar jista' jieħu deċiżjonijiet individwali u vinkolanti, xorta jibqa' l-fatt li din il-funzjoni hija pjuttost sekondarja u barra minn hekk, hija essenzjalment limitata għas-suċċessjonijiet. Kif ukoll stqarr l-aġent tal-Gvern Awstrijak fis-seduta, in-nutar li jieħu funzjoni ta' Gerichtskommissar ikun qed jagħmel hekk fil-kwalità ta' membru ta' professjoni libera u mhux bħala uffiċjal - fatt li jindika li fil-prinċipju, din hija funzjoni miftuħa għall-kompetizzjoni. Minħabba f'hekk, fid-dawl tal-elementi li ħarġu fil-proċess, il-fatt li nutar Awstrijak iwettaq funzjonijiet ta' rappreżentant ġudizzjarju, lanqas ma jiġġustifika l-applikazzjoni tar-regola skont l-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, dwar id-diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza.

5. Konklużjoni dwar l-ewwel motiv ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu.

146. Biex nikkonkludi, miżura li tintroduċi kundizzjoni ta' ċittadinanza bħal dik ikkontestata mill-Kummissjoni fil-kawżi inkwistjoni tidher sproprozjonata peress li ma hemmx bżonnha sabiex jintlaħqu l-għaniijiet minn kull Stat Membru, meta dan ikun beħsiebu jiċħad lill-attività notarili mil-libertà ta' stabbiliment. Konsegwentement, u għalkemm din hija attività li tinvolvi l-eżerċizzju tal-awtorità pubblika li, minħabba dan il-fatt, taqa' taħt il-kamp negattiv ta' applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment, nikkunsidra li fil-każ speċifiku tal-professjoni ta' nutar, l-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE ma jipprekludux miżura statali li tikkostitwixxi diskriminazzjoni minħabba ċittadinanza kontra dawk il-persuni li jixtiequ jaċċedu għal din il-professjoni. Minħabba l-kunsiderazzjonijiet kollha iktar 'il fuq, nikkunsidra li l-attività notarili hekk kif inhi mwettqa fl-Istati konvenuti, għalkemm taqa' taħt il-kamp negattiv ta' applikazzjoni tal-libertà ta' stabbiliment skont l-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, minħabba li hija sproporzjonata, ma tipprevedix kundizzjoni ta' ċittadinanza bħala element fl-istatus ta' nutar, peress li din ma tweġibx għal xi rekwiżit marbut mal-intensità ta' parteċipazzjoni tal-imsemmija attività fl-eżerċizzju tal-awtorità pubblika. Għaldaqstant, għandu jintlaqa' l-ewwel motiv ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE.

B — *Dwar it-tieni motiv ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu*

147. Ħlief fir-rigward tar-Repubblika Franċiża, il-Kummissjoni takkuża lill-Istati konvenuti bi ksur tad-Direttiva 2005/36 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali billi naqsu milli jinkludu l-attività notarili fid-dispożizzjonijiet nazzjonali ta' traspożizzjoni.

148. Kif ġie espost iktar 'il fuq, skont l-interpretazzjoni tal-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, il-professjoni ta' nutar taqa' taħt il-"kamp negattiv ta' applikazzjoni" tal-libertà ta' stabbiliment, kif qed nissuġġerixxi. Bl-istess mod, kif diġà tennejt fil-paġni preċedenti, din il-konklużjoni ma timplikax neċessarjament li l-Istati huma eżentati milli jissodisfaw l-obbligi imposti fuqhom taħt it-Trattati. Madankollu, hemm dubji raġonevoli dwar l-applikazzjoni tad-Direttiva 2005/35 fir-rigward tal-professjoni ta' nutar.

149. Fil-kuntest ta' rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, hija l-Kummissjoni li għandha tistabbilixxi jekk l-Istat konvenut wettaqx ksur tad-dispożizzjonijiet tal-liġi tal-Unjoni. Issa, mill-proċessi jirriżulta li l-Kummissjoni sempliċement invokat in-nuqqas ta' traspożizzjoni fit-terminu previst mid-Direttiva 2005/36, filwaqt li l-Istati Membri mhux biss enfasizzaw l-applikazzjoni tal-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, iżda wkoll l-esklużjoni prevista minn din id-direttiva fil-premessa 41 tagħha, tal-attività notarili.

150. Il-premessa 41 tad-Direttiva 2005/36 stess, tiddikjara li "din id-Direttiva hija bla ħsara għall-applikazzjoni tal-Artikoli 39(4) u 45 tat-Trattat li jikkonċernaw b'mod partikolari in-nutara". Il-leġiżlatur, minkejja kull ambigwità ta' din id-dikjarazzjoni, jidher li impliċitament jissuġġerixxi li t-tweġiba għal jekk l-attività notarili taqax taħt l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, *twassal*, għat-tweġiba għall-mistoqsija jekk din id-direttiva tapplikax għall-professjoni ta' nutar. Skont l-istrateġija proċedurali tal-Kummissjoni, li sempliċement ibbażat l-argument tagħha fuq l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE, jidher li din taqbel mal-approċċ tal-imsemmija premessa 41. Madankollu, fid-dawl tat-tweġiba li pproponejt għall-ewwel domanda, il-Kummissjoni kellha tressaq iktar argumenti favur l-applikazzjoni tal-imsemmija direttiva għall-professjoni ta' nutar. Infatti, l-unika argument li ressqet, ibbażat fuq il-kunċett ta' "awtorità pubblika" li jinsab fl-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE ġie rrifjutat. F'ċirkustanzi bħal dawn jidher ċar li l-Kummissjoni ma ressqet l-ebda argument

validu li seta' jippermetti li t-tieni motiv ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu jiġi aċċettat.

151. Għaldaqstant, nikkunsidra li t-tieni motiv ma huwiex validu, peress li l-Kummissjoni ma stabbilietx li l-Istati Membri kienu meħtieġa jikkonformaw ruħhom mal-obbligi tad-Direttiva 2005/36, dwar l-attività notarili.

**VI — Spejjeż**

152. Skont l-Artikolu 69(3) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, "[j]ekk il-partijiet ikunu telliefa rispettivament fuq kap jew aktar tat-talbiet tagħhom jew għal raġunijiet eċċezzjonali, il-Qorti tista' tiddeċiedi li taqsam l-ispejjeż jew tiddeċiedi li kull parti tbati l-ispejjeż tagħha". Peress li miż-żewġ motivi ta' nuqqas ta' twettiq ta' obbligu msemmija nqis fondat wieħed minnhom biss, nissuġġerixxi lill-Qorti tal-Ġustizzja li, sabiex l-ispejjeż dovuti mill-partijiet f'dawn il-każijiet jinqasmu b'mod ġust, tikkundanna lill-Kummissjoni Ewropea, ir-Renju tal-Belġju, il-Gran Dukat tal-Lussemburgu, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Ellenika sabiex ibatu l-ispejjeż tagħhom.

153. Fir-rigward tar-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu ippreżentat kontra r-Repubblika Franċiża, infakkru li skont l-Artikolu 69(2), tar-Regoli tal-Proċedura, il-parti li titlef il-kawża għandha tbati l-ispejjeż, jekk dawn ikunu ġew mitluba. Peress li r-Repubblika Franċiża tilfet fl-uniku motiv tagħha, hemm lok li hija tiġi kkundannata tbati l-ispejjeż, kif mitlub mill-Kummissjoni.

154. Skont l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 69(4), tar-Regoli tal-Proċedura, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Rumanija, ir-Repubblika tal-Bulgarija, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u r-Repubblika Franċiża, intervenjenti fil-kawża, għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom.

## VII — Konklużjoni

155. Jien għalhekk nikkunsidra li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi kif ġej:

Fil-Kawża C-47/08,

1) Tiddikjara li, ir-Renju tal-Belġju, billi adotta miżura bħal dik prevista mill-Artikolu 35(3) tal-Liġi tal-25 Ventosa tas-sena XI, kif emendata bil-Liġi tal-4 ta' Mejju 1999, li tirrestrinġi l-aċċess għall-professjoni ta' nutar għal ċittadini Belġjani biss, naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE;

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud;

3) Tikkundanna lill-Kummissjoni u lir-Renju tal-Belġju jbatu l-ispejjeż tagħhom;

4) Tikkundanna lir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u r-Repubblika Franċiża, intervenjenti fil-kawża, biex ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Fil-Kawża C-50/08

1) Tiddikjara li r-Repubblika Franċiża, billi adottat miżura bħal dik prevista mill-Artikolu 3 tad-Digriet tal-5 ta' Lulju 1973, emendat bid-Digriet Nru 89-399

tal-20 ta' Ġunju 1989, li tirrestrinġi l-aċċess għall-professjoni ta' nutar għal ċittadini Franċiżi biss, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE;

2) Tikkundanna lir-Repubblika Franċiża għall-ispejjeż;

3) Tikkundanna lir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Rumanija, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u r-Repubblika tal-Bulgarija, intervenjenti fil-kawża, biex ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Fil-Kawża C-51/08,

1) Tiddikjara li l-Gran Dukat tal-Lussemburgu, billi adotta miżura bħal dik prevista mill-Artikolu 15 tal-Liġi tal-5 ta' Diċembru 1976, li tirrestrinġi l-aċċess għall-professjoni ta' nutar għal ċittadini Lussemburgiżi biss, naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt l-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE;

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud;

3) Tikkundanna lill-Kummissjoni u lill-Gran Dukat tal-Lussemburgu jbatu l-ispejjeż tagħhom;

4) Tikkundanna lir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u r-Repubblika Franċiża, intervenjenti fil-kawża, biex ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Fil-Kawża C-53/08,

1) Tiddikjara li r-Repubblika tal-Awstrija, billi adottat miżura bħal dik prevista mill-Artikolu 6(1)(a), tar-regoli notarili, RGBl Nru 75/1871, kif emendati bil-liġi ppubblikata fil-BGBl Nru 164/2005, li tirrestrinġi l-aċċess għall-professjoni ta' nutar għal ċittadini Awstrijaki biss, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE;

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud;

3) Tikkundanna lill-Kummissjoni u lir-Repubblika tal-Awstrija jbatu l-ispejjeż tagħhom;

4) Tikkundanna lir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika Federali tal-Ġermanja u r-Repubblika Franċiża, intervenjenti fil-kawża, biex ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Fil-Kawża C-54/08,

1) Tiddikjara li r-Repubblika Federali tal-Ġermanja, billi adottat miżura bħal dik prevista mill-Artikolu 5 tal-Liġi Federali dwar in-nutara, kif emendat bil-Liġi tas-26 ta' Marzu 2007, li tirrestrinġi l-aċċess għall-professjoni ta' nutar għal ċittadini Ġermaniżi biss, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE;

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud;

3) Tikkundanna lill-Kummissjoni u lir-Repubblika Federali tal-Ġermanja jbatu l-ispejjeż tagħhom;

4) Tikkundanna lir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika Ċeka, ir-Repubblika tal-Polonja, ir-Repubblika tal-Ungerija, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ir-Repubblika tal-Estonja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Repubblika tal-Awstrija, ir-Repubblika tal-Latvja, ir-Repubblika tal-Bulgarija u r-Repubblika Franċiża, intervenjenti fil-kawża, ibatu l-ispejjeż tagħhom.

Fil-Kawża C-61/08,

1) Tiddikjara li r-Repubblika Ellenika, billi adottat miżura bħal dik prevista mill-Artikolu 19(1) tal-Liġi 2830/2000, li tirrestrinġi l-aċċess għall-professjoni ta' nutar għal ċittadini Griegi biss, naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt l-Artikolu 43 KE u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 45 KE;

2) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud;

3) Tikkundanna lill-Kummissjoni u lir-Repubblika Ellenika jbatu l-ispejjeż tagħhom;

4) Tikkundanna lir-Repubblika tal-Litwanja, ir-Repubblika tas-Slovenja, ir-Repubblika Slovakka, ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ir-Repubblika Ċeka u r-Repubblika Franċiża, intervenjenti fil-kawża, ibatu l-ispejjeż tagħhom.